**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 27

It-Tnejn, 26 t'Ottubru, 2026 fis-6:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

**3248. L-ONOR. NIGEL VELLA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-dekasteru li jiena responsabbli għalih ma ħareġ ebda ħatra tal-individwu msemmi f'xi bord fid-29 ta' Mejju 2026 jew fil-ġranet u x-xhur ta' wara.

Seduta Numru 27
26/10/2026

### INGAĠĠI MAL-GVERN – KUNTRATTI

**294. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm minn dawk l-ingaġġi mal-Gvern li saru fi Frar, Marzu, April u Mejju 2026 kienu jinvolvu kuntratti definiti u kemm minnhom jinvolvu kuntratti permanenti?

24/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 289.

Seduta Numru 27
26/10/2026

### INGAĠĠI MAL-GVERN – PAGI U ALLOWANCES

**295. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm tlaħħaq l-ispiża annwali stmata għall-pagi u allowances relatati ma' dawk l-ingaġġi mal-Gvern li saru fi Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Kif ġa weġibt f'mistoqsija parlamentari 289, 344 persuna temmew l-impjieg tagħhom fis-Settur Pubbliku filwaqt li ġew ingaġġati 530 persuna il-maġġorparti fis-setturi tal-edukazzjoni, s-saħħa u s-sigurtà. Ninsab infurmat li l-ispiża annwali netta għall-ingaġġ ta' dawn il-ħaddiema tammonta għall-€4,695,093.25.

Seduta Numru 27
26/10/2026

### INGAĠĠI MAL-GVERN

**296. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk fost dawk l-ingaġġi mal-Gvern li saru fi Frar, Marzu, April u Mejju 2026 kienx hemm persuni li qabel kienu impjegati ma' xi partit politiku, segretarjat jew persuni ta' fiduċja?

24/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ingaġġi mal-Gvern isiru skont il-proċeduri u r-regolamenti applikabbli. Il-fatt li persuna setgħet ħadmet ma' partit politiku, segretarjat jew f'pożizzjoni ta' fiduċja ma jfissirx li għandha tiġi eskluża minn opportunità ta' impjieg mal-Gvern.
Inzid ukoll li l-ġbir apposta ta' informazzjoni dwar rabtiet politiċi preċedenti ta' impjegati jista' jqajjem kwistjonijiet marbuta mal-protezzjoni tad-data personali, partikolarment fejn tali informazzjoni tista' tikxef opinjonijiet politiċi.
Il-Gvern għandu l-obbligu li jirrispetta l-privatezza tal-impjegati tiegħu u jiżgura li kull ipproċessar ta' data personali jsir skont il-liġi.
A kuntrarju ta' kif ħadmu amministrazzjonijiet tal-Partit Nazzjonalista, ma' dan il-Gvern jaħdem kulħadd u l-individwi jiġu evalwati fuq il-mertu tagħhom u mhux skont il-passat politiku tagħhom.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**INGAĠĠI MAL-GVERN – BREAKDOWN**

**297. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti breakdown ta' dawk l-ingaġġi mal-Gvern li saru fi Frar, Marzu, April u Mejju 2026 skont kull ministeru u entità governattiva?

24/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 289.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**VACANCIES MAL-GVERN**

**298. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il vacancy oħra bħalissa mal-Gvern hemm approvata biex timtela matul ix-xhur li ġejjin?

24/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-proċess tal-mili tal-vakanzi fi ħdan is-Servizz Pubbliku li, bħal f'kull organizzazzjoni huwa prerogattiva tal-Management, huwa kontinwu, intiż sabiex jiġu indirizzati id-diversi ħtiġijiet li jqumu, minn żmien għal żmien, fis-Servizz Pubbliku, bħala l-organizzazzjoni tant, u l-iktar, versatili.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**LIĊENZJI ĠODDA GĦALL-KAĊĊA**

**299. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu liċenzji ġodda għall-kaċċa matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

24/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra għall-perjodu inkwistjoni. Il-liċenzji jinħarġu wara li l-applikanti jkunu għaddew mill-eżami tal-kaċċa u ssodisfaw ir-rekwiżiti kollha previsti mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**977. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 684 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

07/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**978. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 685 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

07/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**979. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 686 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

07/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 682.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**980. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 687 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

07/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**1055. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 688 u tgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Tista' tgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

08/07/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**1056. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 689 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

08/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FOSTER FAMILIES APPROVATI**

**1969. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm foster families approvati u kemm minnhom bħalissa għandhom tfal taħt il-kura tagħhom?

21/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li n-numru ta' Foster Families li huma approvati (liċenzjati) huma 224 familja, filwaqt li n-numru ta' familji li bħalissa għandhom tfal fil-kura u r-responsabbiltà tagħhom f'Malta u Għawdex huma ta' 160.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FOSTERING**

**1970. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid liema huma t-tipi differenti ta' fostering offruti f'Malta u x'inhuma d-differenzi bejn kull tip?

21/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta persuna jew persuni jiġu approvati mill-Bord tal-Foster Care, jingħataw liċenzja ġenerali ta' Foster Carer/s. Għaldaqstant, id-Direttorat ma jagħmilx distinzjoni bejn tipi differenti ta' placements.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FOSTER CARERS – KRITERJI**

**1971. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li persuna jew koppja trid tissodisfa sabiex tkun eliġibbli li ssir foster carer?

21/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kulħadd jista' japplika biex isir foster carer, sakemm ikun għalaq mill-inqas 23 sena u jkollu l-abbiltajiet, il-kapaċitajiet u l-ħiliet meħtieġa biex jieħu ħsieb u joffri ambjent sigur u stabbli lit-tfal.

Minbarra dan, l-individwu għandu juri livell adegwat ta' stabbiltà u maturità, kif ukoll impenn biex jipparteċipa fit-taħriġ meħtieġ u jgħaddi mill-proċess ta' assessjar għall-*fostering*.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FOSTER CARERS – TAĦRIĠ**

**1972. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuni jew koppji li japplikaw sabiex isiru foster carers humiex meħtieġa jattendu taħriġ qabel jiġu approvati? Jekk iva, jista' jgħid fiex jikkonsisti dan it-taħriġ, kemm idum u min jipprovdih?

21/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li parti mill-kriterji ta' eliġibilità sabiex persuna tiġi approvata bħala foster carer hija li tattendi t-taħriġ inizjali meħtieġ kif ukoll tgħaddi mill-proċess ta' assessjar.

It-taħriġ inizjali huwa mifrux fuq perjodu ta' seba' (7) ġimgħat, b'sessjoni ta' madwar tliet (3) sigħat kull ġimgħa. It-taħriġ jingħata minn tim multidixxiplinarju ta' professjonisti, li jista' jinkludi Ħaddiema Soċjali, Social Welfare Professionals, counsellors u family therapists.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FOSTER CARERS – TAĦRIĠ, SUPERVIŻJONI JEW SERVIZZI PROFESSJONALI TA' APPOĠĠ**

**1973. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk, wara li familja tibda toffri fostering, tingħatax taħriġ kontinwu, superviżjoni jew servizzi professjonali ta' appoġġ?

21/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li persuna jew persuni jiġu approvati bħala foster carers, jibqgħu jiġu offruti taħriġ kontinwu w appoġġ professjonali matul il-perjodu kollu li fih ikunu qed jipprovdu foster care.

Kull sena, is-Servizz tal-Fostering id-Direttorat għall-Kura Alternattiva fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) jipprepara Pjan Annwali ta' Taħriġ. Dan il-pjan jintbagħat lil kull foster family permezz ta' ittra u e-mail u jkun jinkludi numru ta' opportunitajiet ta' taħriġ fuq temi differenti marbutin mal-foster care, kif ukoll l-iżvilupp u l-benesseri tat-tfal u ż-żgħażagħ f'kura alternattiva, kif ukoll ma' sfidi li jistgħu jiltaqgħu magħhom il-foster carers.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FOSTER CARERS – GĦAJNUNIET FINANZJARJI MILL-GVERN**

**1974. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'għajnuna finanzjarja qed joffri l-Gvern lill-foster families? Jista' wkoll jispeċifika l-ammonti u l-kriterji ta' eliġibilità għal kull skema?

21/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – LISTA TA' STENNIJA**

**2183. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fuq il-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali?

24/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sad-data li qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, fuq il-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali hemm 1,659 applikazzjoni. B'kuntrast, l-applikazzjonijiet pendenti matul l-2013 kienu jammontaw għal 3,304.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – TNAQQIS TAL-LISTA TA' STENNIJA**

**2184. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid xi pjan għandu l-Gvern biex il-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali titnaqqas b'mod drastiku?

24/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern diġà ħa passi konkreti sabiex jindirizza l-isfida tal-akkomodazzjoni soċjali, permezz ta' investiment kontinwu u l-implimentazzjoni ta' diversi miżuri intiżi sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' akkomodazzjoni għal dawk li l-aktar jeħtieġu l-appoġġ.

F'dan ir-rigward, il-Gvern qed ikompli jinvesti fl-iżvilupp ta' akkomodazzjoni soċjali ġdida, fil-manutenzjoni u fir-riġenerazzjoni tal-istokk eżistenti, kif ukoll fit-tisħiħ tal-Iskema ta' Kiri ta' Proprjetajiet mis-Settur Privat (NIK), sabiex jiżdiedu l-proprjetajiet disponibbli għall-akkomodazzjoni soċjali. Ma' dawn l-inizjattivi jiżdiedu miżuri oħra li jikkumplimentaw l-akkomodazzjoni soċjali, fosthom l-għajnuna għall-kera, skemi ta' akkomodazzjoni affordabbli, programmi speċjalizzati għal persuni bi bżonnijiet differenti, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-politika ta' Inclusive Communities, li permezz tagħha qed jingħata appoġġ lil għaqdiet volontarji biex jipprovdu akkomodazzjoni u servizzi fil-komunità.

Dawn l-inizjattivi jixhdu l-impenn tal-Gvern li jindirizza din l-isfida permezz ta' investiment u azzjoni konkreta, filwaqt li jkompli jsaħħaħ is-settur tal-akkomodazzjoni u jespandi l-firxa ta' soluzzjonijiet disponibbli. L-għan huwa li l-appoġġ jingħata b'mod responsabbli u effettiv, skont il-ħtiġijiet differenti tal-persuni u l-familji, filwaqt li tkompli tiġi indirizzata l-isfida tal-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – POSTIJIET BATTALA**

**2185. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm postijiet tal-akkomodazzjoni soċjali battala bħalissa u għaliex?

24/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, sal-lum, hemm total ta' mija u sitta u erbgħin (146) post vakanti li huma lesti għall-allokazzjoni. Dawn jinkludu kemm postijiet miksuba permezz tal-iskema Nikru Biex Nassistu, li għalihom diġà ġew iffirmati l-ftehimiet mas-sidien u li ċ-ċwievet tagħhom ġew mgħoddija, kif ukoll postijiet tal-Gvern li huma vakanti, wara li ġew ritornati iċ-ċwievet jew liema xogħlijiet ta' tiswija u manutenzjoni tlestew, u li għalhekk huma lesti biex jiġu allokati.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – SISTEMA TA' PUNTI**

**2186. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx sistema ta' punti biex tiġi ddeterminata l-prijorità għall-akkomodazzjoni soċjali? Jekk fl-affermattiv, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra din is-sistema?

24/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 162.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – DĦUL MASSIMU**

**2187. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi realistika li waħda mir-rekwiżiti għall-akkomodazzjoni soċjali hija li d-dħul massimu ta' sena jrid ikun ta' €10,000 għal persuna waħedha u €12,000 għal koppja?

24/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għan tal-akkomodazzjoni soċjali huwa li jiġi żgurat li individwi u familji bi dħul baxx ikollhom aċċess għal akkomodazzjoni adegwata u affordabbli, filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni ta' persuni u familji f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.
Il-kriterji ta' eliġibilità għall-akkomodazzjoni soċjali, inklużi l-limiti tad-dħul u tal-assi, huma ppubblikati fuq il-website tal-Awtorità tad-Djar. Fir-rigward tal-limiti tad-dħul, għal persuna waħedha l-limitu annwali huwa ta' €10,000, filwaqt li għal koppja huwa ta' €12,000. Għal koppji u ġenituri waħedhom, il-limitu tad-dħul jiżdied b'€700 fis-sena għal kull wild dipendenti.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KIRJIET – DISKRIMINAZZJONI MAL-KERREJJA MALTIN**

**2188. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux minnu li persuni ta' nazzjonalità Maltija qed isibuha iktar diffiċli biex jikru proprjetà f'Malta minħabba li sidien jippreferu TCNs? Jekk iva, kif ser tiġi indirizzata din id-diskriminazzjoni?

24/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità m'għandiex dettalji dwar l-għażliet tas-sidien. Nitlob biex jekk l-Onorevoli għandha f'idejha informazzjoni jindika dak li qed jiġi allegat tpoġġieh fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**TRASPORT PUBBLIKU – PEAK HOURS**

**2311. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jindika:
i. il-ħinijiet fejn l-użu ikun l-iżjed (patronage - peak hour), kemm filgħodu u kemm filgħaxija; u
ii. it-three-hour patronage peak period, kemm filgħodu u kemm filgħaxija
għal vjaġġi tat-trasport pubbliku skedati mill-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa, fuq bażi ta' ġimgħa tipika, għal kull xahar, bejn is-snin 2020 u 2025?

28/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**NATURAL POPULATION GROWTH**

**2312. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-Natural Population Growth, jiġifieri d-differenza bejn dawk li twieldu u dawk li mietu, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll skont kull waħda mil-lokalitajiet li ġejjin: Mellieħa, San Pawl il-Baħar, Mġarr, Mosta, Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u Mtarfa, bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll jaqsam din l-informazzjoni separatament bejn residenti Maltin u residenti mhux Maltin?

28/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**POLICY P46 (DC15) – PERMESSI TA' ŻVILUPP APPROVATI**

**2313. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għall-Policy P46 tad-Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015 (DC15) tal-Awtorità tal-Ippjanar, li tirrikjedi li żviluppi residenzjali b'16-il residenza jew aktar jipprovdu refuse room aċċessibbli mil-livell tat-triq, jista' l-Ministru jgħid:
i. kemm kien in-numru totali ta' permessi ta' żvilupp approvati bejn l-2015 u l-2025 li għalihom tapplika din il-policy;
ii. kemm kien in-numru ta' permessi ta' żvilupp approvati bejn l-2015 u l-2025 fejn il-policy ġiet effettivament applikata u inkluża bħala kundizzjoni fil-permess, kellha tkun standard condition;
iii. jekk u kif l-Awtorità tivverifika li tali refuse rooms ikunu ġew implimentati kif mitlub, inkluż jekk isirux spezzjonijiet fuq il-post jew verifiki oħra; u
iv. kemm kien in-numru ta' permessi ta' żvilupp approvati bejn l-2015 u l-2025 fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa, maqsuma skont il-lokalità?

28/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn l-2015 u l-2025 ġew approvati 793 applikazzjoni għal żvilupp ta' 16-il residenza jew aktar.
Fir-rigward tal-Policy P46, fejn ir-*refuse room* tkun diġà prevista fil-pjanti approvati, ma jkunx hemm il-ħtieġa li tiġi imposta kundizzjoni separata fil-permess.
Ninsab infurmat ukoll li l-Awtorità tal-Ippjanar twettaq il-verifiki meħtieġa, inklużi spezzjonijiet fuq il-post, qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat ta' konformità.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**TRAFFIKU – IMPATT EKONOMIKU**

**2314. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1873 u jgħid x'azzjonijiet konkreti ttieħdu matul l-aħħar 12-il xahar biex it-traffiku ma jibqax jiswa lill-pajjiż madwar €67,000 kull minuta? Jista' jgħid ukoll x'kien ir-riżultat ta' dawn l-azzjonijiet?

28/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MALTA – ĦIN MEDJU TAL-IVVJAĠĠAR**

**2315. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1874 u jgħid kemm naqas jew żdied il-ħin medju tal-ivvjaġġar fit-toroq ta' Malta matul l-aħħar tliet snin?

28/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa għaddej proċess biex isir update in-National Transport Plan mill-ARUP. Għaldaqstant, l-informazzjoni mitluba tingħata kif dan l-istudju jintemm.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PARKEĠĠI ĠODDA**

**2316. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1876 u jgħid kemm inħolqu parkeġġi ġodda mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kemm minnhom huma park-and-ride?

28/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2022 sal-lum inħolqu tliet siti ġodda ta' parkeġġ, kif ġej:

- Il-Marsa, quddiem l-istazzjon ta' ONE – 180 spazju għall-parkeġġ;
- L-Addolorata – Park and Ride b'213-il spazju għall-parkeġġ;
- Ta' Qali – Park and Ride b'450 spazju għall-parkeġġ.

Għaldaqstant, inħolqu total ta' 908 spazju ġdid għall-parkeġġ, li minnhom 663 jinsabu f'żewġ siti ta' Park and Ride.

Barra minn hekk, fis-snin li ġejjin qed naraw li jinħolqu aktar parkeġġi f':

- o Msida Creek: madwar 120 post ġdid;
- o Pace Grasso Ground: madwar 153 post ġdid, li jinkludu 9 postijiet għal detenturi tal-blue badge u 9 postijiet għal vetturi elettriċi;
- o parkeġġ taħt l-art f'diversi livelli fil-Bormla: madwar 330 post ġdid;
- o SmartCity Malta: 441 post ġdid, li jinkludu 40 post għal detenturi tal-blue badge;
- o parkeġġ f'diversi livelli fi Triq Hompesch, Raħal Ġdid/Fgura: madwar 60 post ġdid;
- o parkeġġ f'diversi livelli fi Triq Wied iż-Żurrieq, il-Qrendi: madwar 50 post ġdid.

o Siġġiewi – Service Road tal-By pass b'65 post ġdid.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – PROPRJETAJIET MIKRIJA**

**2341. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi infurmat li fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm 25 proprjetà b'kera.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – PROPRJETAJIET MIKRIJA**

**2342. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – PROPRJETAJIET MIKRIJA**

**2343. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm sitt proprjetajiet li huma b'kirja mingħand il-Gvern, u disa' proprjetajiet li huma b'kirja mingħand il-privat, inkluż il-binja tal-Ministeru.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – PROPRJETAJIET MIKRIJA**

**2344. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninsab infurmat li fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm 78 proprjetà mikrija mill-Gvern, li minnhom 40 huma mikrija mingħand il-Gvern, u 38 proprjetà huma b'kirja mingħand il-privat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – PROPRJETAJIET MIKRIJA**

**2345. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tagħha li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm 56 proprjetà li hija b'kirja mingħand il-Gvern, u 23 proprjetà li hija b'kirja mingħand il-privat, inkluż il-binja tal-Ministeru.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – PROPRJETAJIET MIKRIJA**

**2346. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAL LUQA - TRIQ IL-GUDJA - DISINN TAL-BANKINA U SPAZJI GĦALL-PARKEĠĠ MITLUFA**

**2527. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn f'partijiet mill-bankina fi Triq il-Gudja, f'Ħal Luqa, saret usa' minn partijiet oħra, b'tali mod li ntilfu numru ta' parkeġġi? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanta tad-disinn finali tat-triq?

27/08/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta, permezz tal-kuntrattur maħtur minnha, wettqet ir-rikostruzzjoni u t-titjib ta' Triq il-Gudja, Ħal Luqa, bħala parti mill-iskema "Vjal Kulħadd", bil-għan li din it-triq issir aktar aċċessibbli għall-utenti kollha tat-triq, b'attenzjoni partikolari u prijorità mogħtija lill-utenti vulnerabbli, fosthom il-persuni li jimxu u ċ-ċiklisti.
Peress li t-triq hija twila madwar 780 metru, ġentilment qed jintalab li l-Onor. Interpellant jindika ż-żona jew is-sezzjoni speċifika tat-triq li għaliha qed issir referenza f'din il-mistoqsija parlamentari.

Din il-kjarifika tippermetti lil din l-Aġenzija tidentifika b'mod aktar preċiż il-post inkwistjoni u, għaldaqstant, tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa u preċiża relatata maż-żona kkonċernata.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**DELIMARA – PROVVISTA TA' NEW WATER**

**2530. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta huwa mistenni li jibda jiġi provdut is-servizz tal-ilma tan-New Water fl-inħawi tad-Delimara fid-dawl li l-kaxxi għas-servizz u l-katusi ilhom f'posthom għal numru ta' snin?

31/08/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li s-servizz fl-inħawi indikati mistenni jkun komplut fix-xhur li ġejjin. Inżid ninforma lill-Onor. Interpellant li kull bidwi li għandu aċċess jista' jagħmel użu minn dan is-servizz minn kull dispenser attiv fin-network.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**DOMANDA MASSIMA GĦALL-ELETTRIKU – SAJF 2026**

**2531. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid il-ħin eżatt meta d-domanda tal-elettriku laħqet il-quċċata (peak) ta' 741 MW dan is-sajf, kemm kien il-volum ta' megawatts (MW) iġġenerati rispettivament minn:
i. Delimara 3 (D3),
ii. Delimara 4 (D4),
iii. l-Interconnector,
iv. Sistemi Fotovoltajċi (PV), u
v. minn impjanti ta' ġenerazzjoni temporanji jew ta' emerġenza jew impjanti oħra?
Tista' tgħid ukoll kemm kien fadal kapaċità fissa u disponibbli mhux użata (unused firm MW) minn kull sors ta' ġenerazzjoni msemmi, f'dak il-ħin partikolari tal-quċċata (peak demand)?

31/08/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-ogħla domanda laħqet is-741MW fit-22 ta' Lulju 2026, fit-15:27. Qed inpoġġi tabella fuq il-Mejda tal-Kamra li turi d-domanda u l-kapaċità residwa minn kull sors ta' ġenerazzjoni.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**DOMANDA MASSIMA GĦALL-ELETTRIKU – RIŻERVA RESIDWA U KONTINĠENZA N-1**

**2532. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tispjega x'kienet il-kontinġenza formali N-1 definita għal dak il-perjodu tal-ogħla domanda (peak demand), u x'kien il-livell eżatt ta' riżerva residwa (residual reserve) li kien fadal wara li ġiet ikkunsidrata din il-kontinġenza?

31/08/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2531.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**INTERCONNECTOR – KAPAĊITÀ KONTINWA U TA' EMERĠENZA**

**2533. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi l-kapaċitajiet uffiċjali kontinwi u dawk ta' emerġenza (continuous and emergency ratings) tal-Interconnector, u tindika għal kemm ħin huwa permess operazzjoni fil-livell ta' madwar 225 MW?

31/08/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li 225MW hija l-kapaċità kontinwa tal-Interconnector u allura m'hemmx limitu ta' ħin fuq dan il-livell.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ARMADA LNG MEDITERRANA – INVENTARJU FIŻIKU TAL-LNG**

**2534. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kien l-inventarju fiżiku attwali ta' gass naturali likwifikat (LNG) abbord il-bastiment Armada LNG Mediterrana fil-mument tal-quċċata ta' 741 MW, eskluż kwalunkwe volum ta' LNG li kien ikkalkulat biss minħabba li kien fi tranżitu (in transit)?

31/08/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba f'din il-mistoqsija parlamentari hija ta' natura sensittiva għas-sigurtà nazzjonali. L-Onor. Interpellant diġà ġie kkuntattjat personalment, f'dan ir-rigward.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**GĦAWDEX - ITS - STUDENTI**

**3174. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' studenti attwalment irreġistrati mal-ITS f'Għawdex u jagħti rendikont tan-numru ta' studenti għal kull kors li qed jiġi offrut?

06/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għal din is-sena akkademika qegħdin jiġu offruti tliet korsijiet full-time ġewwa l-ITS Għawdex li għalihom hemm irreġistrati sitta (certificate in Food Preparation & production), erbgħa (Foundation in Hospitality & Tourism) u ħames studenti (BSc in Diving Safety Management).

Seduta Numru 27
26/10/2026

**GĦAWDEX - ITS - KORSIJIET**

**3175. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema korsijiet qed jiġu offruti attwalment mill-ITS f'Għawdex u jekk hemmx pjanijiet biex jiżdiedu korsijiet ġodda? Jekk iva, jista' jgħid liema huma dawn il-korsijiet u meta huwa mistenni li jiġu introdotti?

06/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin tliet korsijiet full-time fl-ITS ġewwa Għawdex. Fil-ġimgħat li ġejjin l-ITS se tembarka fuq proġett biex jibdew id-diskussjonijiet mal-istakeholders kollha li għandhom interess dirett fis-settur turistiku ġewwa Għawdex biex eventwalment jiġu mnedija programmi ta' taħriġ kemm għal studenti li jridu jidħlu fl-industrija, kif ukoll għal ħaddiema attwali ħalli jitjieb il-kwalità tas-servizz.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**GĦAWDEX - ITS - STUDENTI**

**3176. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti reġistrati mal-ITS f'Għawdex bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena u jagħti rendikont tan-numru ta' studenti għal kull kors li kienu qed isegwu? Jista' jgħid ukoll liema korsijiet ġew offruti f'Għawdex f'kull waħda minn dawn is-snin?

06/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru ta' student irreġistrati fl-ITS Għawdex għas-snin 2020 sa 2026.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**GĦAWDEX - ITS - INVESTIMENT**

**3177. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-investiment li sar fl-iskola tal-ITS f'Għawdex, inkluż f'xogħlijiet strutturali, mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll in-natura ta' kull investiment u l-ispiża tiegħu, kif ukoll l-ammont totali li ntefaq matul dan il-perjodu?

06/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**GĦAWDEX - ITS - INVESTIMENT**

**3178. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-investiment li sar fl-iskola tal-ITS f'Għawdex, inkluż f'xogħlijiet strutturali, mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll in-natura ta' kull investiment u l-ispiża tiegħu, kif ukoll l-ammont totali li ntefaq matul dan il-perjodu?

06/10/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**GĦAWDEX - QORTI ĠDIDA**

**3179. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet fuq il-bini tal-Qorti l-ġdida fir-Rabat, Għawdex, u meta huwa mistenni li l-Qorti ta' Għawdex tibda topera minn dan il-bini?

06/10/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SENA SKOLASTIKA 2020-2021 – SKOLA PRIMARJA TAL-QAWRA – KLASSIJIET U STUDENTI**

**3241. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja tal-Qawra fil-bidu tas-sena skolastika 2020-2021?

07/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li 654 student.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ŻONA TAL-VEĊĊJA, SAN PAWL IL-BAĦAR – TENDER GĦAT-TISĦIĦ TAL-BLAT U L-PROTEZZJONI TAL-BAJJA**

**3242. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk inħarġx it-tender għat-tisħiħ tal-blat u protezzjoni tal-bajja ta' ħdejn il-Veċċja f'San Pawl il-Baħar? Jekk iva, f'liema stadju qiegħed l-aġġudikar ta' dan it-tender?

07/10/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol ta' tħejjija tad-dettalji strutturali u tal-istimi relatati mal-proġett għadu għaddej u bħalissa qed jiġi ffinalizzat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KONTRIBUZZJONI AMBJENTALI – TRASFERIMENT TA' FONDI LILL-KUNSILLI LOKALI**

**3243. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid meta hu mistenni li l-kontribuzzjoni ambjentali ta' €1.50 kull lejl tibda tgħaddi għand il-kunsilli lokali? Jista' jgħid ukoll kemm mill-fondi miġbura għal kull lokalità ser jgħaddu għand il-kunsill lokali rispettiv?

07/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1792.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IS-SWIEQI U PEMBROKE – GĦASES LI JOFFRU SERVIZZ**

**3244. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid liema għases tal-pulizija jservu l-lokalitajiet tas-Swieqi u ta' Pembroke? Jista' jgħid ukoll f'liema ħinijiet joperaw dawn l-għases?

07/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninsab infurmat li Swieqi u Pembroke jaqgħu taħt id-Distrett tal-Pulizija ta' San Ġiljan, fejn l-għassa prinċipali hija miftuħa 24 siegħa kuljum. Barra minn hekk, f'Swieqi jingħataw servizzi mill-uffiċjali tal-Pulizija tal-Komunità u jsiru rondi regolari mill-RIU u mill-uffiċjali tad-distrett. Ir-residenti għandhom faċilitajiet ta' remote reporting, li jippermettulhom jagħmlu rapporti mill-kumdità ta' darhom. Dan l-approċċ ta' prevenzjoni mill-Pulizija qed jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-kriminalità li ġie rreġistrat f'dawn il-lokalitajiet matul dawn l-aħħar snin. Il-pulizija huma aċċessibbli 24 siegħa kuljum.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**COMMUNITY POLICE - SERVIZZ GĦAL MATUL IL-LEJL**

**3245. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1791, jista' l-Ministru jgħid liema skwadri jipprovdu servizz ta' 24 siegħa kuljum? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx bżonn ta' iktar uffiċjali tal-pulizija fl-għases tad-distrett u b'kemm hu mistenni jiżdied il-complement tal-pulizija f'dak id-distrett?

07/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninsab infurmat li fil-lokalitajiet fosthom fil-kostitwenza tal-Onor. Interpellant jsiru patrols tal-Pulizija mid-distrett u kif ukoll minn uffiċjali b'vetturi mill-RIU, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Dwar żieda fil-complement kif dejjem ġie rimarkat, dan jiżdied skont l-esiġenzi tas-servizz

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**3317. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1989, fejn qed jingħad li ser ikun hemm iktar tiswiħ fis-sistema tal-cables tal-Enemalta fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tagħti indikazzjoni dwar fejn huma mistennija jitqiegħdu l-cables indikati? Tista' tgħid ukoll meta hu mistenni li jsir dan ix-xogħol?

08/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Enemalta qed tippjana li tqiegħed cable ġdid ta' vultaġġ għoli fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar. Dan il-proġett jinvolvi t-tqegħid ta' madwar 750 metru ta' cables ġodda ta' vultaġġ medju u huwa wieħed mill-proġetti li Enemalta se tkun qed twettaq immedjatament.
It-tiswiħ tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku huwa proċess kontinwu. Enemalta tibqa' tevalwa u tippjana l-interventi meħtieġa sabiex tkompli ssaħħaħ in-network u tagħmlu aktar reżiljenti, bil-għan li ttejjeb l-affidabbiltà tal-provvista tal-elettriku fil-lokalitajiet kollha, inkluż San Pawl il-Baħar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**GĦALLIEMA TAL-MALTI – TAĦRIĠ FIT-TAGĦLIM TAL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA**

**3336. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema tal-Malti li għandhom taħriġ speċjalizzat fit-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija?

08/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, ninsab infurmat li mill-2017 'l hawn, 148 għalliem tal-Malti li ggradwaw irċevew taħriġ mill-Università fit-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija. Barra minn hekk, numru ta' għalliema segwew il-kors Postgraduate Certificate in Teaching Maltese as a Foreign Language, li ilu jiġi offrut sa mill-2019. L-Istitut għall-Edukazzjoni wkoll ilu joffri, sa mill-2020, taħriġ fit-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija lil dawk li qed isegwu l-kors fil-pedagoġija tal-Malti.
Dawn l-inizjattivi jkomplu jsaħħu t-tħejjija professjonali tal-edukaturi biex ikunu jistgħu jappoġġjaw lill-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa addizzjonali.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IS-SWIEQI, SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – MULTI/PIENI RELATATI MA' STORBJU, DIŻORDNI U MĠIBA ANTISOĊJALI**

**3492. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1752 u 2004 u jgħid kemm inħarġu multi jew pieni relatati ma' storbju eċċessiv, imġiba antisoċjali jew ksur tal-ordni pubblika fis-Swieqi, f'San Ġiljan u f'Tas-Sliema matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'kien il-valur totali ta' dawn il-multi u kemm minn dawn ġew effettivament imħallsa?

14/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – IMPJEGATI**

**3502. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3036 u jgħid kemm persuni ġodda ġew impjegati fl-entitajiet u l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu matul din is-sena, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm ingħataw promozzjonijiet interni matul l-istess perjodu? Jista' wkoll jipprovdi d-dettalji mitluba separatament għal kull entità u awtorità?

14/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3539. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għat-Turiżmu, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3540. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3541. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u *l*-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, *Information Services*, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3542. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tagħha u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tagħha, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li tispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3543. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3544. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.

Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.

Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali.

Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**STUDENT SUPPORT SERVICES – FTEHIM**

**3568. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jintlaħaq ftehim fuq il-gradi ta' Student Support Services li skada fl-2023? Jista' jgħid ukoll fiex waslu n-negozjati mal-Malta Union of Teachers (MUT) u x'qed iżomm biex jintlaħaq ftehim?

14/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-diskussjonijiet bejn il-partijiet għadhom għaddejjin, fi spirtu ta' djalogu u kooperazzjoni, bil-għan li jintlaħaq ftehim sostenibbli li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-impjegati kkonċernati.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MUT – DIRETTIVA DWAR XOGĦOL RELATAT MA' SDPS – DISKUSSJONIJIET**

**3569. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'diskussjonijiet saru jew qed isiru mal-Malta Union of Teachers (MUT) sabiex tinstab soluzzjoni għad-direttiva li nħarġet għall-ewwel darba fl-14 ta' Ottubru 2020, u li reġgħet inħarġet fit-13 ta' Ottubru 2021, li tipprekludi lill-membri tagħha milli jwettqu xogħol relatat mal-Pjanijiet ta' Żvilupp tal-Iskejjel (School Development Plans – SDPs)?

14/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li hemm diskussjonijiet għaddejjin mal-MUT.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MUT – DIRETTIVA DWAR XOGĦOL RELATAT MA' SDPS**

**3570. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl tad-direttiva maħruġa mill-Malta Union of Teachers (MUT) għall-ewwel darba fl-14 ta' Ottubru 2020, u li reġgħet inħarġet fit-13 ta' Ottubru 2021, li tipprekludi lill-membri tagħha milli jwettqu xogħol relatat mal-Pjanijiet ta' Żvilupp tal-Iskejjel (School Development Plans – SDPs), jista' l-Ministru jispjega x'inhuma l-punti ewlenin li għadhom qed ixekklu l-kisba ta' ftehim, x'inhi l-pożizzjoni attwali tal-Ministeru dwar dawn il-punti, u jekk hemmx skeda ta' żmien stabbilita biex din il-kwistjoni tiġi riżolta, fid-dawl tal-importanza tal-SDPs għall-ippjanar strateġiku, it-tmexxija u t-titjib kontinwu tal-iskejjel?

14/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3569.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ASSESSMENT TA' ANZJANI BIEX JIDĦLU ĠO RESIDENZA – VALIDITÀ**

**3577. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex assessment ta' anzjan biex jidħol ġo residenza ma jibqax validu wara sitt xhur minn meta jsir? Jista' jgħid ukoll meta daħlet fis-seħħ din ir-regola?

15/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-assessment jibqa' validu sakemm il-kundizzjoni u l-ħtiġijiet tal-anzjan jibqgħu l-istess. Jekk ikun hemm tibdil, isir assessment ġdid. Għad-dħul f'djar tal-anzjani, jekk ikunu għaddew aktar minn sitt xhur mill-aħħar assessment, jiġi evalwat jekk hemmx bżonn ta' aġġornament. Il-perjodu ta' sitt xhur, li infurmat li ddaħħal bħala prassi wara l-COVID-19, iservi bħala punt ta' riferiment u mhux bħala skadenza awtomatika. Kull każ jiġi kkunsidrat individwalment, filwaqt li jitqiesu l-aspetti mediċi u soċjali.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SISTEMA NAZZJONALI OPERATTIVA TA' TWISSIJIET PUBBLIĊI TA' EMERĠENZA**

**3585. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3185 u jgħid jekk Malta għandhiex sistema nazzjonali operattiva ta' twissijiet pubbliċi ta' emerġenza li permezz tagħha jintbagħtu twissijiet u struzzjonijiet direttament lill-apparati ċellulari kollha konnessi mal-istazzjonijiet bażi jew l-antenni tan-networks mobbli f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid jekk is-sistema Reverse 112, li dwarha l-Gvern ħabbar fi Frar 2026 li kellha tibda topera sal-aħħar tas-sena, hijiex diġà operattiva u, jekk le:
(a) f'liema stadju tinsab l-implimentazzjoni tagħha;
(b) liema xogħol tekniku, testijiet jew proċessi ta' interoperabbiltà għad iridu jitlestew;
(c) x'inhi d-data preċiża meta mistennija tibda topera; u
(d) x'inhu l-valur tal-kuntratt, lil min ingħata u x'inhuma l-istadji ewlenin tal-implimentazzjoni tiegħu?
Jista' jispeċifika jekk is-sistema hijiex se tuża Cell Broadcast, location based SMS jew iż-żewġ teknoloġiji, u jekk hijiex se:
(a) tilħaq awtomatikament kull apparat kompatibbli konness ma' stazzjon bażi Malti fiż-żona affettwata, irrispettivament minn jekk is-SIM card hijiex Maltija jew barranija;
(b) tilħaq persuni li jkunu qed jużaw roaming, inklużi turisti u ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti jew preżenti f'Malta;
(c) taħdem mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni minn qabel, mobile application, mobile data jew konnessjoni mal-internet;
(d) tilħaq kemm smartphones kif ukoll cellular phones aktar antiki li jistgħu jirċievu SMS iżda mhux neċessarjament Cell Broadcast;
(e) tibgħat twissijiet bil-Malti, bl-Ingliż u, fejn meħtieġ, b'lingwi oħra li jinftiehmu minn persuni barranin preżenti f'Malta; u
(f) tipprovdi konferma teknika dwar kemm apparati u networks ikunu rċevew it-twissija?

15/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sistema Public Warning (Reverse 112) ġiet akkwistata u bħalissa jinsab għaddej ix-xogħol meħtieġ sabiex titlesta l-integrazzjoni tagħha man-networks tal-operaturi lokali tal-komunikazzjoni mobbli. L-implimentazzjoni tinsab għaddejja, bil-mira li titlesta matul l-ewwel kwart tal-2027.

Il-pjattaforma ċentrali (CBC) hija operattiva u l-proġett jinsab fil-fażi ta' integrazzjoni mal-Mobile Network Operators lokali. Bħalissa għaddej ix-xogħol li huwa marbut prinċipalment mal-implimentazzjoni teknika, l-integrazzjoni u l-validazzjoni bejn is-sistema ċentrali u n-networks rispettivi.

Għaddejjin ix-xogħlijiet biex jitlestew l-integrazzjoni end-to-end u t-testijiet ta' aċċettazzjoni man-networks tal-operaturi mobbli, inkluż l-immappjar taż-żoni ġeografiċi maċ-ċelloli tan-network, kif ukoll it-testijiet meħtieġa sabiex jiġi vverifikat it-tħaddim korrett u reżiljenti tas-servizz. Barra minn hekk, qed nistennew mingħand fornitur globali ewlieni ta' apparati ċellulari l-ħtiġijiet operattivi standard tiegħu sabiex inkunu nistgħu niżguraw li s-soluzzjoni u l-konfigurazzjoni tas-servizz jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa u jkunu jistgħu jiġu vvalidati fuq l-apparati kompatibbli. Il-mira operattiva hija li l-implimentazzjoni titlesta fl-ewwel kwart tal-2027.

Il-kuntratt huwa skont il-proċeduri tal-Public Procurement Regulations mogħti lil GO plc, Epic u Melita abbażi ta' żewġ fażijiet, l-installazzjoni u l-ġestjoni tas-CBC u l-istabbiliment, l-integrazzjoni, l-interoperabbiltà u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet mal-operaturi kollha rilevanti tan-Netwerk mobbli.

Is-soluzzjoni li qed tiġi implimentata hija bbażata fuq teknoloġija Cell Broadcast. Iżda l-location based SMS ser jiġi kkunsidrat jekk jinħass il-ħtieġa ladarba s-CBC ikun kompletament operattiv. Is-Cell Broadcast huwa mfassal biex ixandar twissija one-to-many permezz taċ-ċelloli tan-network magħżula fiż-żona affettwata jew dawk ta' Malta u Għawdex kollha. Għaldaqstant, apparat kompatibbli konness maċ-ċelloli magħżula għandu jirċievi t-twissija irrispettivament min-nazzjonalità tas-SIM, suġġett għall-kompatibbiltà u l-konfigurazzjoni tal-apparat u tan-network. Il-kopertura ta' persuni fuq roaming, inklużi turisti u persuni barranin temporanjament preżenti fiż-żona affettwata, hija parti mill-għan u r-rekwiżiti tas-soluzzjoni.

Is-Cell Broadcast ma jeħtieġx reġistrazzjoni minn qabel, mobile application, lista ta' numri tat-telefon, mobile data, Wi-Fi jew konnessjoni mal-internet sabiex titwassal it-twissija lill-apparat kompatibbli fiż-żona magħżula. Is-servizz Cell Broadcast jilħaq apparati li huma kompatibbli ma' din it-teknoloġija. Hemm possibilità li telefon antik li ma jappoġġjax Cell Broadcast mhux se jirċievi tali twissija. Għalhekk eventwalment tista' tiġi kkunsidrata s-soluzzjoni addizzjonali tal-location based SMS.

Il-pjattaforma tipprovdi kapaċità għal twissijiet multilingwi. L-Ingliż u l-Malti huma l-lingwi prinċipali previsti, filwaqt li l-użu ta' lingwi oħra jista' jiġi determinat skont in-natura tal-emerġenza u l-ħtiġijiet operattivi. Is-sistema tipprovdi kapaċitajiet ta' monitoraġġ, logging u audit dwar it-trażmissjoni u l-ipproċessar tat-twissijiet min-networks. Madankollu, billi Cell Broadcast huwa mekkaniżmu one-to-many u ma jiddependix fuq lista ta' numri individwali, il-konferma li messaġġ intbagħat jew ġie pproċessat minn network mhijiex neċessarjament ekwivalenti għal konferma ta' riċevuta minn kull handset individwali

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IL-KAPPARA – TRIQ TAS-SLIEMA – ROTTA TA' XARABANK**

**3601. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser tiġi introdotta rotta ta' xarabank li tgħaddi minn Triq tas-Sliema, il-Kappara, sabiex ir-residenti ta' din iż-żona jkollhom konnessjoni aktar diretta mal-Belt Valletta, fid-dawl li r-rotta 24 bħalissa tgħaddi minn San Ġwann, Tas-Sliema u l-Gżira qabel tasal il-Belt, u għalhekk tinvolvi vjaġġ itwal? Jekk le, jista' l-Ministru jispjega għaliex?

16/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità ħadet nota ta' dan is-suġġeriment għal aktar evalwazzjoni fil-futur.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SAN ĠWANN – TRIQ BELLAVISTA – ZEBRA CROSSING**

**3602. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hijiex ippjanata l-introduzzjoni ta' zebra crossing fi Triq Bellavista, f'San Ġwann, quddiem il-ħanut li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u fil-viċinanza tal-Kappella tal-Għargħar, sabiex il-pubbliku jkun jista' jaqsam it-triq b'mod aktar sigur, partikolarment dawk li jkunu sejrin lejn l-Università ta' Malta jew l-Isptar Mater Dei? Jista' jispjega għaliex, minkejja li din il-miżura tidher li kienet prevista bħala parti mix-xogħlijiet li bdew f'din it-triq prinċipali, għadha ma ġietx implimentata? Jista' jgħid ukoll meta huwa mistenni li titlesta, fid-dawl tar-riskju għas-sigurtà tal-persuni li jaqsmu din it-triq?

16/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità rċeviet korrispondenza mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann fir-rigward ta' pedestrian crossing fiż-żona msemmija. F'dan l-istadju, l-Awtorità qiegħda tistenna informazzjoni ulterjuri mingħand l-applikant.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**L-IMTARFA – SQAQ IT-TOKK – RESURFACING TAT-TRIQ**

**3629. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se jsir ix-xogħol ta' resurfacing fi Sqaq it-Tokk, fl-Imtarfa u liema aġenzija hija responsabbli għaliha?

16/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**L-IMSIDA – LIFE LONG LEARNING CENTRE**

**3637. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Life Long Learning Centre tal-Imsida kellux jagħlaq temporanjament minħabba xogħlijiet ta' tiswija fil-bini? Jekk iva, x'inhuma r-raġunijiet għal dawn it-tiswijiet?

16/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li wara li ġiet identifikata l-ħtieġa li jsiru xi xogħlijiet fiċ-Ċentru tat-Tagħlim Tul il-Ħajja fil-Msida, saru interventi ta' adattament u titjib sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu t-taħriġ prattiku tagħhom f'ambjent sigur u xieraq.
Sabiex ix-xogħlijiet jitlestew fl-iqsar żmien possibbli, il-lezzjonijiet fiċ-Ċentru ma sarux bejn it-13 u l-15 ta' Ottubru. Kull student tilef lezzjoni waħda biss, li se tiġi skedata mill-ġdid u ssir fil-ġimgħat li ġejjin sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fit-tagħlim tagħhom.
Infurmat ukoll li ċ-Ċentru reġa' beda jopera b'mod kompletament normali.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS**

**3729. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

19/10/2026

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KOLLABORAZZJONI MA' NGOS**

**3730. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru telenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u tispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KOLLABORAZZJONI MA' NGOS**

**3731. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** L-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS**

**3732. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

19/10/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS**

**3733. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

19/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** L-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KOLLABORAZZJONI MA' NGOS**

**3734. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AWLI TAL-QORTI – RIMEDJU GĦALL-ĦSEJJES**

**3752. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jiġi kkunsidrat xi rimedju għall-ħsejjes esterni li jippenetraw fl-awli tal-Qorti waqt is-smigħ tal-kawżi u li qed joħolqu inkonvenjent waqt il-kawżi?

19/10/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma ġie rrappurtat ebda inkonvenjent kaġunat minn ħsejjes esterni waqt is-smigħ tal-kawżi u għaldaqstant mhux ikkunsidrat ebda rimedju. Jekk l-Onor. Interpellant qed jirreferi ħsejjes ġejjin minn avvenimenti li jkunu għaddejjin minn Triq ir-Repubblika, dawn huma okkażjonijiet sporadiċi.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AWLI TAL-QORTI – RIMEDJU GĦALL-ĦSEJJES**

**3753. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx rimedju għall-ħsejjes esterni li jinstemgħu fl-awli tal-Qorti waqt is-smigħ tal-kawżi? Jekk iva, jista' jispjega fiex jikkonsisti dan ir-rimedju u meta ser jiġi implimentat?

19/10/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-risposta ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 3752.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AWLI TAL-QORTI – SISTEMA TAL-AWDJO**

**3754. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li tinbidel jew tiġi aġġornata s-sistema tal-awdjo fl-awli tal-Qorti, peress li jew skaduta jew mhijiex ta' kwalità adegwata biex tlaħħaq mal-esiġenzi tal-Qorti?

19/10/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dawn l-aħħar snin saru investimenti kbar fit-teknoloġija inkluż fis-sistema tal-awdjo. Is-sistema tal-awdjo ġiet mibdula kollha u bħalissa qegħdin fil-faża fejn qed tiġi implimentata din is-sistema ġdida.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IL-QORTI – QTUGĦ TA' DAWL**

**3755. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl tas-sitwazzjoni li nħolqot reċentement fil-Qorti meta nqata' d-dawl, bil-konsegwenza li kellhom jieqfu s-seduti, jista' l-Ministru jgħid għaliex seħħ dan u x'passi ser jittieħdu biex tiġi rimedjata din is-sitwazzjoni?

19/10/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindika għal liema seduti qed jirreferi speċifikament għax ma ġie rrappurtat ebda seduti li ġew ikkanċellati minħabba qtugħ ta' dawl. In oltre l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati għandha generator li jissupplixxi d-dawl fil-Qorti kollu, li jinżamm fi stat ta' manutenzjoni tajba permezz ta' spezzjonijiet regolari tant illi l-qtugħ ta' dawl b'ebda mod ma kellu xi effett fuq l-andament tas-seduti li pproċedew kollha bl-iktar mod normali salv xi ftit interruzzjonijiet qosra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IL-QORTI – LIFT LI WAQAF**

**3756. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl tas-sitwazzjoni li nħolqot reċentement fil-Qorti meta weħel il-lift, bil-konsegwenza li tliet detenuti u l-iskorti tagħhom inqabdu fih għal aktar minn siegħa, jista' l-Ministru jgħid x'wassal għal dan l-inċident u x'passi ser jittieħdu biex sitwazzjoni simili ma terġax tiġri?

19/10/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi dan l-episodju ma kien dovut għal ebda nuqqas tal-amministrazzjoni tal-Qorti u ċjoè, għall-istat tal-lifts jew il-manutenzjoni tagħhom iżda għas-sempliċi fatt illi fil-lift telgħu numru ta' persuni iktar minn dak li jippermetti lift. Tant hu hekk li l-episodju ma reġax irrepeta ruħu.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IL-QORTI – ĠURATI – AĊĊESS GĦALL-INTERNET**

**3757. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl tas-sitwazzjoni li nħolqot reċentement fil-Qorti meta nstab li tablets użati minn ġurati kellhom aċċess għall-internet, jista' l-Ministru jgħid għaliex seħħ dan il-fatt u jekk hux ser jittieħdu xi proċeduri dixxiplinarji u x'passi rimedjali ttieħdu jew ser jittieħdu?

19/10/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**LINJA TAL-AJRU – DISKUSSJONIJIET**

**3764. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx diskussjonijiet għaddejjin mal-linja tal-ajru li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament sabiex jerġgħu jibdew it-titjiriet minn u lejn Malta minn din il-linja tal-ajru?

19/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità tibqa' f'komunikazzjoni kontinwa mal-linji tal-ajru kollha bil-għan li tippromwovi lil Malta kemm bħala destinazzjoni kif ukoll bħala ċentru għall-kumpaniji tal-avjazzjoni. Dettalji dwar kumpaniji privati individwali, huma min huma, minħabba n-natura kummerċjalment sensittiva, ma jingħatawx.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**LINJA TAL-AJRU – DISKUSSJONIJIET**

**3765. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jekk għaddejjin diskussjonijiet mal-linja tal-ajru li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament sabiex jerġgħu jibdew it-titjiriet minn u lejn Malta, jista' l-Ministru jgħid x'kien l-eżitu ta' dawn id-diskussjonijiet sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi tali informazzjoni ma tistax tingħata minħabba n-natura kummerċjalment sensittiva tad-diskussjonijiet ma' kumpaniji privati. Madankollu, l-Awtorità tibqa' f'komunikazzjoni kontinwa mal-linji tal-ajru kollha bil-għan li tippromwovi lil Malta kemm bħala destinazzjoni kif ukoll bħala ċentru għall-kumpaniji tal-avjazzjoni.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SISTEMA TAT-TRASPORT PUBBLIKU – VALUTAZZJONI**

**3766. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'valutazzjoni speċifika saret dwar il-kapaċità tas-sistema tat-trasport pubbliku ta' Malta li takkomoda d-domanda turistika matul ix-xhur tas-Sajf?

19/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**TINDIF TAL-ISPAZJI PUBBLIĊI U ĠBIR TA' SKART F'ŻONI TURISTIĊI – ŻIEDA FIL-FREKWENZA**

**3767. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern għandux pjanijiet biex it-tindif tal-ispazji pubbliċi u l-ġbir ta' skart f'żoni turistiċi ewlenin, jiżdied sew fil-frekwenza sabiex ilaħħaq aħjar mad-domanda li l-impatt turistiku jħalli fuq dawn il-lokalitajiet?

19/10/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kunsilli Lokali rispettivi jiddeterminaw il-frekwenza tat-tindif tal-ispazji pubbliċi fil-lokalitajiet skont il-ħtiġijiet u r-realtajiet partikolari ta' kull lokalità. Fir-rigward tal-ġbir tal-iskart domestiku, dan jitwettaq skont l-iskeda nazzjonali stabbilita għall-ġbir tal-iskart. Il-Gvern u l-entitajiet konċernati fi ħdan il-Ministeru jibqgħu jimmonitorjaw il-ħtiġijiet li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien sabiex is-servizzi offruti jkomplu jilħqu l-ħtiġijiet kemm tar-residenti u kif ukoll tal-viżitaturi.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**TURIŻMU B'MOD SOSTENIBBLI – STUDJU KOMPRENSIV**

**3768. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux l-intenzjoni li jwettaq jew jikkummissjona studju komprensiv dwar il-kapaċità attwali ta' Malta li tilqa' turiżmu b'mod sostenibbli?

19/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Viżjoni 2050, il-Gvern stabbilixxa miri ċari dwar is-sostenibbiltà tat-turiżmu fil-gżejjer tagħna.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**TURIŻMU B'MOD SOSTENIBBLI – STUDJU KOMPRENSIV**

**3769. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: F'każ li l-Gvern m'għandux intenzjoni li jwettaq jew jikkummissjona studju komprensiv dwar il-kapaċità attwali ta' Malta li tilqa' turiżmu b'mod sostenibbli, jista' l-Ministru jispjega għaliex tali studju mhux ser isir u, fl-assenza tal-istess, jgħid abbażi ta' liema studju ġie stabbilit l-akbar numru ta' viżitaturi li Malta tista' tilqa' fuq bażi annwali u matul il-perjodi tal-ogħla domanda?

19/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3768.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**BEREĠ U ĊENTRI TAS-SAĦĦA**

**3821. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-bereġ u ċ-Ċentri tas-Saħħa (polyclinics) jistgħux jintużaw minn kulħadd irrispettivament mil-lokalità fejn jirrisjedu?

19/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li fir-rigward tas-servizzi tat-Tobba tal-Familja (GPs) u tal-Professjonisti Alleati tas-Saħħa, ma japplikawx restrizzjonijiet skont il-lokalità tar-residenza. Għaldaqstant, il-pazjenti jistgħu jagħmlu użu minn dawn is-servizzi fi kwalunkwe Ċentru tas-Saħħa jew Berġa fejn ikunu offruti, irrispettivament mil-lokalità fejn jirrisjedu.

Fir-rigward tas-servizzi tal-infermiera, il-pazjenti għandhom jirrikorru jew jiġi allokati appuntamenti fl-eqreb Ċentru tas-Saħħa jew Berġa, skont il-lokalità fejn jgħixu.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAL TARXIEN – ĠNIEN OVINDOLI – TAPPIERI**

**3822. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li t-tappieri fi Ġnien Ovindoli ġewwa Ħal Tarxien fin-naħa ta' Triq Karlu Maratta kantuniera ma' Triq Kalamija ġew magħluqa jew imblukkati, tista' l-Ministru tgħid meta se jittieħdu l-passi meħtieġa biex dawn it-tappieri jitnaddfu sabiex jerġgħu jiffunzjonaw kif suppost?

19/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAL TARXIEN – ĠNIEN OVINDOLI – TAPPIERI**

**3823. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl li t-tappieri fi Ġnien Ovindoli ġewwa Ħal Tarxien fin-naħa ta' Triq Karlu Maratta kantuniera ma' Triq Kalamija ġew magħluqa jew imblukkati, tista' l-Ministru tgħid meta se jittieħdu l-passi meħtieġa biex dawn it-tappieri jitnaddfu sabiex jerġgħu jiffunzjonaw kif suppost?

19/10/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – BERĠA**

**3824. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx il-ħsieb li titkabbar il-Berġa ta' Ħaż-Żabbar?

19/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li huwa ppjanat li l'quddiem isiru diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar dwar jekk hemmx spazju u possibbiltà li titkabbar il-Berġa ta' din il-lokalità.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IL-FGURA – BERĠA**

**3825. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx tabib ġewwa l-Berġa tal-Fgura u, jekk iva, kemm-il darba u f'liema ġranet ikun disponibbli? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-proċess sabiex pazjent ikun jista' jara tabib f'din il-Berġa?

19/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li s-servizz tat-Tabib tal-Familja (GP) fil-Berġa tal-Fgura huwa disponibbli kull nhar ta' Tlieta, bejn it-8:00 ta' filgħodu u s-1:00 ta' waranofsinhar.
Il-pazjenti jistgħu jagħmlu appuntament billi jċemplu fuq in-numru 2123 1231.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**BORMLA – DAWL ADEGWAT FIX-XATT**

**3826. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk itteħdux jew humiex ser jittieħdu miżuri sabiex ikun hemm dawl adegwat fix-Xatt ta' Bormla?

19/10/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-maġġoranza tas-sistema tad-dawl fix-Xatt ta' Bormla ġiet installata bħala parti mill-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Baċir Nru. 1. Matul is-snin ġew installati aktar arbli tad-dawl, filwaqt li s-sistema baqgħet tiġi mantnuta mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Ninsab infurmata li d-dawl huwa adegwat u li jipprovdi ambjent sigur għall-pubbliku li jaċċessa din iż-żona filgħaxija.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PROGRAMM LEADER - GAL MAJJISTRAL, GAL XLOKK U GAL GĦAWDEX - FONDI**

**3841. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jippreżenta s-somma ta' fondi li ngħataw permezz tal-programm LEADER amministrat mill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali: Gal Majjistral, Gal Xlokk u Gal Għawdex? Jista' wkoll jagħti eżempji ta' proġetti li bbenefikaw minn dawn il-fondi bil-għan li jissaħħu l-identità u l-kultura Maltija fil-komunitajiet tagħna?

20/10/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PROĠETT PANNELLI BLA BEJT**

**3842. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti aġġornament dwar il-proġett Pannelli bla Bejt, inkluż il-ġibjuni involuti, il-progress fix-xogħlijiet ta' installazzjoni, meta l-familji jkunu jistgħu japplikaw, u x'se jkunu l-kundizzjonijiet finali tal-parteċipazzjoni u l-benefiċċji finanzjarji mistennija?

20/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-iskema Pannelli bla Bejt hija inizjattiva innovattiva mnedija mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI) li l-għan ewlieni tagħha huwa li tagħti l-opportunità lil persuni li m'għandhomx aċċess għal bejt adattat għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi sabiex jipparteċipaw direttament fit-tranżizzjoni ta' Malta lejn enerġija aktar nadifa. Permezz tal-iskema, il-pannelli fotovoltajċi jiġu installati fuq infrastruttura tal-KSI, inklużi ġibjuni koperti, binjiet operattivi u artijiet tal-korporazzjoni, filwaqt li l-KSI tkun responsabbli mill-installazzjoni, il-konnessjoni mal-grid, il-manutenzjoni, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-assi.
Is-siti identifikati għall-ewwel fażi tal-proġett jinsabu Marsaxlokk, in-Naxxar, iż-Żurrieq, Wied il-Għajn, iż-Żejtun, Kordin, ix-Xgħajra u Ħaż-Żabbar.
L-investiment propost jikkorrispondi għal madwar tmien pannelli fotovoltajċi kull applikant bi produzzjoni stmata ta' madwar 7,500 kWh fis-sena. Skont il-projezzjonijiet indikattivi tal-iskema:

- Id-dħul annwali huwa stmat għal madwar €840 fis-sena.
- Id-dħul kumulattiv fuq perjodu ta' 20 sena huwa stmat għal madwar €16,788.
- L-iskema hija mfassla bħala investiment passiv mingħajr ebda responsabbiltà ta' ġestjoni jew manutenzjoni tas-sistemi għall-parteċipanti.

Dawn il-projezzjonijiet jibqgħu suġġetti għall-Feed-In Tariff finali li tiġi assenjata permezz tal-proċess regolatorju.
Matul il-fażi tal-Espressjoni ta' Interess, aktar minn 800 familja esprimew l-interess tagħhom li jipparteċipaw fl-iskema, u dan juri l-interess qawwi tal-pubbliku għal din l-inizjattiva.
Fil-preżent, il-KSI qed tipparteċipa fil-proċess tal-Invitation to Bid (ITB) mar-Regulatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) sabiex jiġu assigurati l-Feed-In Tariff (FIT) meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva. Fl-istess ħin, qed jitkompla x-xogħol fuq l-infrastruttura elettrika meħtieġa għas-siti kollha identifikati, filwaqt li l-permessi kollha meħtieġa għall-iżvilupp tal-farms fotovoltajċi fuq is-siti diġà nkisbu.
L-applikazzjonijiet formali għall-iskema ser jinfetħu fiż-żmien opportun ladarba jiġu konklużi u finalizzati dawn il-proċessi regolatorji u infrastrutturali, sabiex il-proġett ikun jista' jitnieda fuq bażi soda u sostenibbli.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ – ĠNIEN IT-TBISSIM – INVESTIMENT**

**3843. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar l-investiment li sar fi Ġnien it-Tbissim f'Baħar iċ-Ċagħaq, inkluż id-daqs tal-ispazju miftuħ, is-siġar imħawla u l-faċilitajiet ġodda, u tispjega kif il-proġett indirizza x-xewqat tar-residenti u tat-tfal?

20/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Ġnien it-Tbissim, f'Baħar iċ-Ċagħaq, huwa wieħed minn tliet proġetti ta' spazji miftuħa li għadhom kemm infetħu fil-jiem li għaddew. Reċentement tlestew u ġew inawgurati wkoll Ġnien il-Larinġ, f'Ħal Lija u t-tieni fażi tal-proġett ta' Wied Inċita li hija parti minn pjan fit-tul biex dan il-post nagħmluh wieħed mill-akbar parks pubbliċi f'pajjiżna, fuq medda ta' aktar minn 90,000 metru kwadru. Din il-ġimgħa stess se nkunu qed niftħu ġnien ieħor ġdid fl-Imqabba, li huwa Ġnien il-Mitħna. Ir-rispons immedjat li kien hemm mill-pubbliku għal Ġnien it-Tbissim, sa mill-ewwel jiem tal-ftuħ tiegħu, jixhed li l-proġett intlaqa' tajjeb ħafna. Il-ġnien li jinsab fi Triq il-Kosta mhux biss qed iservi bħala żona ta' mistrieħ u divertiment għar-residenti li jabitaw fil-madwar, imma qed ikun frekwentat ukoll minn bosta familji oħrajn li jkunu għaddejjin mill-inħawi, partikolarment fi tmiem il-ġimgħa. It-tagħmir tal-logħob li hemm fih mhuwiex biss divertenti iżda wkoll aċċessibbli għal kulħadd, b'attenzjoni speċjali għal logħob inklussiv.
Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' stqarrija (PR261635) maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni fil-5 t'Ottubru 2026 li fiha d-dettalji dwar il-proġett ta' Ġnien it-Tbissim.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ON-FARM SLAUGHTERS**

**3844. L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3369 u jgħid kemm kien hemm każijiet ta' on-farm slaughter (qatla fir-razzett) bejn l-2015 u l-2025, maqsuma sena b'sena u skont it-tip ta' annimal (majjal, baqra, eċċ.)?

20/10/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-istatistika li qed tiġi mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ninfurmah li d-dejta tkopri l-għadd ta' annimali maqtula fir-razzett u miġjuba fil-Biċċerija u ma tagħmilx distinzjoni jekk il-bhejjem spiċċawx fil-katina tal-ikel jew ma kenux tajbin għall-konsum.

Bl-eċċezzjoni taċ-ċriev, il-bhejjem kollha li jinqatlu fuq ir-razzett, jinqatlu bħala parti mis-servizz tal emerġenza. Fil-kas taċ-ċriev, dawn jinqatlu fuq ir-razzett bħala parti mis-servizz prenotat fid-dawl tan-natura tal-annimal; bil-għan li jkun evitat stress lil annimal waqt it-trasport. Iċ-ċriev inkwistjoni wkoll ikunu mrobbija speċifikament għall-konsum uman.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ALLIED HEALTH PRACTITIONERS – SKALI**

**3845. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3284 u jispjega kif inhuma mqassmin l-Allied Health Practitioners bl-iskali, maqsuma professjoni?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – UNPAID LEAVE**

**3846. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3285 u jgħid kemm hemm Allied Health Professionals fuq unpaid leave, maqsuma professjoni?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hemm 82 Allied Health Professionals fuq unpaid leave. Dawn jinkludu: 16-il Dental Technician, tmien Dieticians, 13 Medical Laboratory Scientists, żewġ Occupational Therapists, Orthoptist wieħed, 18-il Physiotherapist, erba' Radiographers u 20 Speech and Language Pathologists.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI - INVESTIMENT TAĦT IL-PJAN SOĊJALI GĦALL-KLIMA**

**3849. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3223 u jgħid liema huma l-1,431 unit ta' akkomodazzjoni soċjali li mistennija jibbenefikaw mill-installazzjoni ta' heat pump water heaters u sistemi fotovoltajċi bil-batteriji taħt il-Pjan Soċjali għall-Klima, u jipprovdi lista tagħhom maqsuma skont il-lokalità u l-blokka? Jista' jgħid ukoll liema huma l-236 unità ta' akkomodazzjoni soċjali magħżula jew ikkunsidrati għal deep renovation, lokalità b'lokalità, u xi kriterji speċifiċi se jintużaw sabiex jiġu magħżula l-benefiċjarji?

20/10/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali li ser jibbenefikaw mill-installazzjoni ta' heat pump water heaters u sistemi fotovoltajċi bil-batteriji ma jiġux identifikati individwalment fil-Pjan Soċjali għall-klima. L-għażla finali issir skont valutazzjonijiet tekniċi u operattivi fuq il-gwida tal-Kummissjoni Ewropea.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**GĦOTJIET FINANZJARJI GĦAX-XIRI TA' VETTURI ELETTRIĊI**

**3850. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3224 u jgħid jekk l-iskema ta' għotjiet finanzjarji għax-xiri ta' vetturi elettriċi hijiex ser titkompla matul is-sena 2027? Jekk iva, jista' jgħid jekk humiex ser jinżammu l-istess kundizzjonijiet u livelli ta' għotjiet bħal dawk applikabbli fl-2026?

20/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għotjiet finanzjarji għax-xiri ta' vetturi elettriċi huma miftuħa għal din is-sena u d-dettalji dwar is-sena id-dieħla jitħabbru matul il-ġimgħat li ġejjin.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI**

**3851. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3225 u jgħid jekk il-Gvern għandux pjan biex jindirizza l-piż finanzjarju li jista' jaqa' fuq sid ta' vettura elettrika meta din il-vettura tkun trid tiġi skrappjata, partikolarment minħabba l-ispejjeż marbuta mat-trattament u r-rimi tal-batterija? Fid-dawl ta' rapporti ta' każijiet fejn konsumaturi ntalbu jħallsu spejjeż li allegatament laħqu l-€10,000, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jiġu kkonsidrati sabiex dawn l-ispejjeż ma jaqgħux fuq il-konsumatur?

20/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**INFRASTRUCTURE MALTA - KONSULENZI**

**3852. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1858, 2294, 3268 u 3413 u jagħti dettalji, f'tabella, ta' konsulenzi (inklużi periti, avukati u nutara) li tqabbdu jagħtu servizz lil Infrastructure Malta mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż dettalji tal-valur li tħallsu individwalment?

20/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta tagħmel użu mis-servizzi ta' diversi professjonisti sabiex tkun tista' twettaq il-proġetti infrastrutturali tagħha. F'kull każ jiġu segwiti l-proċeduri applikabbli skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**INFRASTRUCTURE MALTA – AMMONTI DOVUTI**

**3853. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3272 u 3415 u jagħti figura finanzjarja dwar kemm għandha tiġbor fondi Infrastructure Malta mingħand entitajiet u azjendi tal-Gvern sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Infrastructure Malta tagħmel xogħol għal diversi entitajiet u azjendi tal-Gvern, liema xogħlijiet isiru b'mod kontinwu u l-pagamenti tagħhom huma suġġetti għall-proċess ta' ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**INFRASTRUCTURE MALTA – NEFQA**

**3854. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3508 u jagħti f'tabella kemm kienet in-nefqa ta' Infrastructure Malta minn Jannar 2026 sa Settembru 2026, maqsuma xahar b'xahar?

20/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IL-MARSA – ĦSEJJES IRRAPPURTATI MIR-RESIDENTI**

**3855. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'sar matul din l-aħħar sena u x'qed isir bħalissa, biex jiġi identifikat is-sors tal-ħoss li r-residenti ta' Triq il-Ħaddiem fil-Marsa qed jisimgħu regolarment u li qed jaffettwa wkoll iż-żona fil-viċinanzi tal-ERA? Fid-dawl li l-Kunsill Lokali tal-Marsa ressaq din il-problema quddiem diversi entitajiet iżda għadha ma ġietx solvuta, tista' tagħti time-frame ċar dwar meta se jsiru aktar testijiet u investigazzjonijiet?

20/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3189.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IL-MARSA – ĦSEJJES IRRAPPURTATI MIR-RESIDENTI – IDENTIFIKAZZJONI TAS-SORS**

**3856. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hawnx apparat sabiex issir investigazzjoni teknika u monitoraġġ adegwat biex jiġi identifikat is-sors tal-ħoss li r-residenti ta' Triq il-Ħaddiem fil-Marsa qed jisimgħu regolarment u li jaffettwa wkoll iż-żona fil-viċinanzi tal-ERA? Jekk ma hawnx dan l-apparat, x'passi ser jittieħdu biex jinġieb l-apparat jew jitqabbdu l-esperti meħtieġa biex jidentifikaw is-sors ta' dan il-ħoss?

20/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3189.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KUNSILL GĦALL-ANZJANI – MEMBRI**

**3857. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3086 u 3400 u jgħid min huma l-membri tal-Kunsill għall-Anzjani stabbilit taħt l-Att dwar il-Kummissarju għall-Anzjani?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-terminu tal-Kunsill għall-Anzjani għalaq, u fil-preżent għaddej process ta' ħatriet għat-terminu li jmiss.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IL-MOSTA - DAR TAL-ANZJANI - XOGĦLIJIET**

**3858. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3078, 3202 u 3403 u jgħid meta ser tkun lesta d-Dar tal-Anzjani tal-Mosta? Jista' jgħid ukoll għaliex ix-xogħlijiet qed idumu daqshekk u meta ser jirritornaw lura l-anzjani li nħarġu mid-dar biex isiru dawn ix-xogħlijiet?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fid-Dar tal-Anzjani tal-Mosta huma mistennija jitlestew matul is-sena 2028. Wara li jsiru l-verifiki meħtieġa mill-persuni u l-awtoritajiet kompetenti, id-dar tkun tista' terġa' tilqa' lir-residenti.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ANZJANI BIL-KUNDIZZJONI TAD-DIMENZJA**

**3859. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1087, 2065, 3203 u 3404 u jgħid kemm hawn anzjani f'pajjiżna li ġew dijanjostikati bil-kundizzjoni tad-dimenzja? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-anzjani qed jirċievu servizzi speċjalizzati u x'tip ta' servizzi qed jingħataw?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li bħalissa hemm 4678 pazjent dijanjostikat bil-kundizzjoni tad-dimenzja. 4,325 persuna qed jagħmlu użu mis-servizz tad-Dementia Intervention Team. Ukoll 1,097 -il benefiċjarju użaw is-servizz ta' Ċentri ta' matul il-jum għall-persuni bid-dimenzja.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ - PROFESSJONISTI ESTERNI**

**3860. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3316 u jgħid kemm-il konsulent, advisor, expert jew professjonist estern kien ingaġġat mill-Ministeru għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità matul l-2024, l-2025 u l-2026, maqsuma sena b'sena u għal kull persuna jew entità, jagħti l-isem, is-servizz jew il-konsulenza mogħtija, id-data tal-ħatra, it-tul tal-kuntratt u l-valur totali tal-kuntratt?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**L-ISPTAR MATER DEI – SERVIZZ TA' EGG FREEZING – NISA LI BBENEFIKAW**

**3863. L-ONOR. REBECCA BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm nisa bbenefikaw mill-miżura ta' 'Egg freezing' b'xejn mill-Isptar Mater Dei minn meta ġie introdott dan is-servizz sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**INFRASTRUCTURE MALTA – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI – KUMPENS GĦAL DANNI JEW TELF FINANZJARJU**

**3864. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-proċeduri stabbiliti minn Infrastructure Malta sabiex persuni jew negozji li jqisu li ġarrbu danni jew telf finanzjarju b'riżultat ta' xogħlijiet infrastrutturali mwettqa mill-istess entità jkunu jistgħu japplikaw għal kumpens?

20/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAL TARXIEN – MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – XOGĦLIJIET**

**3865. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3424 u jgħid meta hu mistenni li jitlesta l-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika u t-toroq tal-madwar f'Ħal Tarxien?

20/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – SPIŻA TOTALI**

**3866. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3425 u jgħid kemm sewa s'issa l-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika u t-toroq tal-madwar f'Ħal Tarxien, u kemm hu stmat li se tkun l-ispiża totali tal-proġett meta jitlesta?

20/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – INAWGURAZZJONI – SPIŻA**

**3867. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3426 u jgħid kemm swiet l-inawgurazzjoni li saret f'Mejju 2026 ta' parti mill-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika f'Ħal Tarxien?

20/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PBS – BORD EDITORJALI – LAQGĦAT**

**3868. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3429 u jgħid kemm-il darba ltaqa' l-bord editorjali tal-PBS mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-aħħar ta' Settembru 2026 u liema huma d-dati li fih iltaqa' dan il-bord?

20/10/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3429, ninforma lill-Onor. Interpellant li, ġejt infurmat li fil-perjodu msemmi, il-membri tal-Bord Editorjali tal-PBS kienu impenjati bis-sħiħ fl-evalwazzjoni ta' iktar minn 200 proposta għall-programmi tal-iskeda l-ġdida.
Kien propju dan ix-xogħol importanti li kellhom iwettqu l-membri tal-Bord fil-perjodu msemmi u li ġie ifformalizzat waqt laqgħa formali fl-1 ta' Settembru 2026.
Malli tlesta dak il-proċess ta' analiżi, il-Bord kompla jiltaqa' fuq bażi regolari ta' kull xahar.
Xogħol ieħor tal-Bord fil-perjodu msemmi inkluda d-direzzjoni u l-approvazzjoni tal-kontenut, il-kwalità tal-produzzjoni u l-konformità tal-programmi mal-obbligi ta' servizz pubbliku tal-PBS.
Din il-ħidma tinvolvi konsultazzjoni kontinwa bejn il-membri tal-Bord stess u mal-maniġment tal-PBS. Fejn meħtieġ, il-Bord jikkonsulta wkoll mal-produtturi. Din il-konsultazzjoni ssir ukoll permezz ta' laqgħat informali.
B'hekk, ninforma li l-Onor. Interpellant li l-Bord Editorjali jaħdem fuq bażi kontinwa, kemm fil-laqgħat formali kif ukoll fix-xogħol informali li huwa marbut li jwettaq skont l-obbligi tiegħu.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KUMITAT DWAR IL-KUNFLITTI TA' INTERESS – MEMBRI**

**3869. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-membri li attwalment jiffurmaw il-Kumitat dwar il-Kunflitti ta' Interess (Conflicts of Interest Committee)? Jista' jgħid ukoll jekk dan il-Kumitat għandux kriterji oġġettivi u stabbiliti li abbażi tagħhom jevalwa każijiet ta' kunflitti ta' interess u jekk iva, jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-kriterji?

20/10/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li skont Directive 16 – Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration, il-Kumitat dwar il-Kunflitti ta' Interess huwa responsabbli li jikkunsidra każijiet riferuti mis-Segretarju Permanenti Ewlieni u/jew mis-Segretarji Permanenti u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-ġestjoni tagħhom. Il-Kumitat huwa magħmul minn Chairperson, Deputy Chairperson, żewġ Membri u żewġ Membri Sostituti, kollha Segretarji Permanenti fil-kariga jew irtirati. Membru tal-Kumitat li jkollu interess fil-każ inkwistjoni għandu jastjeni milli jipparteċipa fid-diskussjoni tiegħu.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR F'TAS-SLIEMA**

**3879. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet f'Tas-Sliema mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

20/10/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR F'SAN ĠILJAN**

**3880. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet f'San Ġiljan mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

20/10/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR FIL-GŻIRA**

**3881. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet fil-Gżira mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

20/10/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SPTARIJIET PUBBLIĊI – SISTEMI ELETTRONIĊI TAL-INFORMAZZJONI – REĠISTRAZZJONI TAL-IMWIET**

**3887. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma l-proċeduri fis-seħħ fl-isptarijiet pubbliċi biex il-mewt ta' pazjent tiġi rreġistrata fis-sistemi elettroniċi tal-informazzjoni? Jista' jispeċifika liema sistemi jintużaw, inklużi l-ICM, il-Patient Dashboard, l-EPR u l-Converge, u jispjega kif l-informazzjoni dwar il-mewt ta' pazjent tiġi trażmessa u aġġornata bejn dawn is-sistemi? Jista' jispjega wkoll jekk hemmx differenza bejn meta persuna tmut fid-dar residenzjali tagħha jew fl-isptar?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**REĠISTRAZZJONI TAL-IMWIET – AĠĠORNAMENT AWTOMATIKU JEW MANWALI TAD-DATA**

**3888. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' pazjent f'sistema waħda twassalx għal aġġornament awtomatiku tal-istatus tal-pazjent fis-sistemi l-oħra, jew jekk dan jiddependix minn intervent manwali? Jista' jgħid ukoll fejn ikunu meħtieġa aġġornamenti manwali, liema kontrolli huma fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi aġġornata b'mod korrett u fil-ħin?

20/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IR-RABAT, GĦAWDEX – TRANSPORT MALTA – TIĠDID TAL-PERMESSI TAL-VETTURI BIL-Y-PLATES**

**3893. L-ONOR. NORMA CAMILLERI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jispjega għaliex l-uffiċċju ta' Transport Malta fir-Rabat, Għawdex, m'għandux aċċess għas-sistema online meħtieġa għat-tiġdid tal-permessi tal-vetturi bil-Y-plates, bil-konsegwenza li l-operaturi Għawdxin spiss ikollhom jivvjaġġaw lejn Malta sabiex iġeddu dawn il-permessi? Jista' wkoll jindika x'miżuri se jittieħdu, u sa meta, sabiex dan is-servizz ikun jista' jingħata wkoll minn Għawdex?

20/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-operaturi Għawdxin jistgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni meħtieġa fl-uffiċċju tal-Awtorità f'Għawdex, wara li jkunu niżżlu l-applikazzjonijiet u l-formoli meħtieġa mis-sit elettroniku ta' Transport Malta, fejn hemm indirizz elettroniku dedikat għall-operaturi kollha.
Minħabba l-ħtieġa ta' verifiki u spezzjonijiet fosthom ta' garaxxjar, l-evalwazzjoni u l-approvazzjoni jsiru mill-uffiċċju ċentrali biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti legali kollha.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IS-SIĠĠIEWI – TRIQ BLAT IL-QAMAR – XOGĦLIJIET**

**3923. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3509 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 988 fejn intqal li "x-xogħlijiet fi Triq Blat il-Qamar, is-Siġġiewi, huma maħsuba li jibdew hekk kif jitlesta ix-xogħol kollu ta' twessiegħ fi Triq Bur il-Kbir u t-triq tkun aċċessibbli fuq żewġ karreġġjati" u fid-dawl li Infrastructure Malta ħabbret li Triq Bur il-Kbir ser tkun miftuħa fil-ġranet li ġejjin, jista' l-Ministru jagħti data meta ser jibda ix-xogħol fi Triq Blat il-Qamar, liema xogħol kien diġà skedat u l-kuntrattur ġie magħżul?

21/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, wara t-tlestija tax-xogħlijiet fi Triq Bur il-Kbir fis-Siġġiewi u l-ftuħ tat-triq għat-traffiku, il-prijorità li jmiss hija li titkompla l-implimentazzjoni tal-proġetti skedati taħt l-inizjattiva Vjal Kulħadd.

Sussegwentement, Infrastructure Malta terġa' tagħmel il-koordinazzjoni meħtieġa sabiex jiġi stabbilit l-aħjar żmien biex jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Blat il-Qamar, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet u l-iskeda tax-xogħlijiet infrastrutturali ppjanati.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PREVENZJONI TA' SUWIĊIDJI – MIŻURI**

**3924. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3725 u jgħid x'miżuri konkreti qed jittieħdu biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tas-suwiċidju f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm persuni jinsabu attwalment fuq il-lista ta' stennija għas-servizzi tas-saħħa mentali offruti mill-Gvern, x'inhu ż-żmien medju ta' stennija għal dawn is-servizzi, u kif qed jiġi assigurat li persuni f'riskju ta' suwiċidju jingħataw għajnuna psikoloġika immedjata?

21/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PERSUNI LI JBATU MINN PROBLEMI TA' SAĦĦA MENTALI – APPOĠĠ**

**3925. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3726 u jgħid x'servizzi ta' appoġġ psikoloġiku, counselling u gwida qed jiġu offruti mill-Gvern lill-familjari ta' persuni li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali, partikolarment dawk li jieħdu ħsiebhom ta' kuljum?

21/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-Servizzi Nazzjonali tas-Saħħa Mentali joffru appoġġ psikoloġiku, konsulenza u gwida lill-familjari u lil dawk li jieħdu ħsieb persuni bi problemi ta' saħħa mentali. Ir-riferimenti għal dawn is-servizzi jsiru permezz tat-tabib tal-familja, tat-tim multidixxiplinarju responsabbli mill-kura tal-pazjent, jew ta' psikologi li jidentifikaw il-ħtieġa ta' appoġġ għall-familjari.
Is-servizzi offruti jinkludu:
1. Sessjonijiet individwali ta' psikoedukazzjoni, li jipprovdu informazzjoni u gwida dwar il-kundizzjoni tal-pazjent u l-kura tiegħu;
2. Sessjonijiet ta' psikoedukazzjoni fi gruppi, organizzati b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tat-Terapija Okkupazzjonali;
3. Sessjonijiet ta' psikoterapija, għal dawk li jesprimu interess f'dan is-servizz;
4. Terapija tal-familja, għal dawk li jixtiequ jibbenefikaw minn dan it-tip ta' appoġġ.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MEMBRI TAL-KORP TAL-PULIZIJA – MIŻURI TA' PROTEZZJONI**

**3926. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3727 u jgħid kemm membri tal-Korp tal-Pulizija sfaw vittmi ta' aggressjoni fiżika jew ġarrbu ġrieħi waqt il-qadi ta' dmirijiethom bejn l-2021 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll x'miżuri qed jittieħdu biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-membri tal-Korp tal-Pulizija?

21/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninsab infurmat li n-numru ta' membri tal-Korp tal-Pulizija li sfaw vittmi ta' aggressjoni fiżika jew ġarrbu ġrieħi waqt il-qadi ta' dmirijiethom bejn l-2021 u l-20 ta' Ottubru 2026, maqsuma sena b'sena jidher fit-tabella hawn taħt.

| Sena | Membri tal-Korp tal-Pulizija sfaw vittmi ta' aggressjoni fiżika | Membri tal-Korp tal-Pulizija li ġarrbu ġrieħi waqt il-qadi ta' dmirijiethom |
|---|---|---|
| **2021** | 2 | 21 |
| **2022** | 6 | 37 |
| **2023** | 6 | 34 |
| **2024** | 9 | 32 |
| **2025** | 3 | 23 |
| ***2026** | 8 | 24 |

*Sa 20 ta' Ottubru 2026

Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-membri tal-Korp tal-Pulizija jingħataw taħriġ dwar il-prevenzjoni ta' attakki f' sitwazzjonijiet perikoluži, b'taħriġ addizzjonali għall-uffiċjali ta' ċerti taqsimiet speċjalizzati. Kull membru għandu bodycam, mezzi ta' komunikazzjoni għall-għoti ta' allert f'każ ta' periklu, u tagħmir protettiv skont id-dmirijiet tiegħu. Sar ukoll titjib fil-vetturi u fit-tagħmir tal-operat, kif ukoll fil-miżuri ta' sigurtà f'postijiet ta' riskju għoli. Barra minn hekk, il-membri għandhom aċċess għal servizz kunfidenzjali ta' appoġġ psikoloġiku, partikolarment wara inċidenti trawmatiċi jew sitwazzjonijiet ta' periklu.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SKEJJEL TAL-GVERN - COUNSELLORS IMPJEGATI FULL-TIME**

**4035. L-ONOR. NORMA CAMILLERI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm warranted counsellors impjegati full-time fl-iskejjel tal-Gvern, maqsuma skola skola? Fejn m'hemmx counsellors impjegati full-time fl-istess skola, jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba fil-ġimgħa jkun hemm servizz ta' counselling minn warranted counsellors f'dawn l-iskejjel, maqsuma skola skola, u għal kemm sigħat?

21/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dan is-servizz iħaddan disa' (9) Principal Education Support Practitioners (Counsellor), sitt (6) Senior Education Support Practitioners (Counsellor), ħames (5) Senior Education Support Practitioners (Psychoterapists) u tliet (3) Psikoterapisti (on teaching conditions).
Is-servizz offrut mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Isport, jiġi kkumplimentat bis-servizz tal-Blossom, servizz offrut minn the Malta Trust Foundation.
Is-servizz tal-Counselling u Psikoterapisti huwa preżenti f'kull kulleġġ u t-tqassim tas-servizz ivarja minn skola għal skola u jiġi bbażat fuq sistema ta' triaging li jsir mill-Principal Education Support Practitioners.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**TRABI MWIELDA MINN ĠENITURI LI HUMA ĊITTADINI MALTIN**

**4036. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-2,375 tarbija li twieldu bejn Jannar u Ġunju 2026 huma Maltin, fejn kemm l-omm u l-missier huma ċittadini Maltin?

21/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**TWELID TA' TRABI**

**4037. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm mit-trabi li twieldu bejn Jannar u Ġunju 2026 kellhom:
i. ġenitur wieħed ta' ċittadinanza Maltija; u
ii. iż-żewġ ġenituri ta' ċittadinanza barranija?
Jista' jgħid ukoll mil-liema pajjiżi huma l-ġenituri?

21/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**NGOS IRREĠISTRATI**

**4042. L-ONOR. NIGEL VELLA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm huwa n-numru ta' għaqdiet non-governattivi (NGOs) irreġistrati bħalissa f'pajjiżna u taqsam dawn l-għaqdiet skont in-natura tax-xogħol tagħhom?

21/10/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| Klassifikazzjoni | Numru ta' għaqdiet |
|---|---|
| Sports | 374 |
| Culture and Recreation | 556 |
| Education and Research | 149 |
| Health | 67 |
| Social Services | 133 |
| Environment and Animal Welfare | 91 |
| Development and Housing | 56 |
| Law, Advocacy and Politics | 131 |
| Philanthropic Intermediaries and Voluntarism | 89 |
| International | 27 |
| Religion | 127 |
| Business and Professional | 141 |
| Platforms and Federations | 13 |
| **Total** | **1954** |

Seduta Numru 27
26/10/2026

**NGOS - FONDI**

**4043. L-ONOR. NIGEL VELLA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti elenku tal-ammont ta' fondi li ngħataw lill-għaqdiet non-governattivi (NGOs) mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u taqsam din l-informazzjoni skont il-fondi diversi li jeżistu?

21/10/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat u l-Entitajiet li jaqgħu taħtu jagħtu appoġġ lill-għaqdiet non-governattivi u lill-organizzazzjonijiet volontarji permezz ta' diversi strumenti ta' finanzjament, skont in-natura tas-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi li jwettqu. Fost dawn hemm il-ftehimiet ta' sħubija soċjali, magħrufa bħala Public Social Partnerships (PSPs), li permezz tagħhom il-Ministeru jappoġġja t-twassil ta' servizzi lill-persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom. Dawn il-ftehimiet jikkontribwixxu għall-kontinwità tas-servizzi u għal appoġġ li jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji.
Ninfurmah ukoll li l-MCVS joħroġ diversi skemi, fondi u inizjattivi li jitħabbru pubblikament minn żmien għal żmien fuq il-portal tal-Kunsill. Fost dawn hemm il-Quality of Life Small Grants Scheme u l-iskema Komunitajiet Aktar Inklussivi li huma amministrati mill-Ministeru, kif ukoll il-Voluntary Organisations Projects Scheme (VOPS) u s-Small Initiatives Support Scheme (SIS), amministrati mill-MCVS.
Permezz ta' dawn l-iskemi, jiġu appoġġjati proġetti u inizjattivi li jtejbu l-kwalità tal-ħajja fil-komunità, isaħħu l-aċċessibbiltà, inaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u jħeġġu l-parteċipazzjoni inklussiva f'diversi oqsma, fosthom il-kultura, l-isport u l-attivitajiet soċjali. Dan il-finanzjament jgħin ukoll lill-għaqdiet isaħħu l-volontarjat, irawwmu kultura ta' inklużjoni u jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet li jaqdu.
B'dan il-mod, il-Ministeru jkompli jinvesti kemm fit-twassil tas-servizzi kif ukoll f'inizjattivi tal-għaqdiet, filwaqt li jsaħħaħ ir-rwol tagħhom bħala sħab fil-ħidma lejn soċjetà aktar inklussiva.
Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' skemi u inizjattivi maħruġa mill-MCVS.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**SETTUR TAD-DIŻABILITÀ - FONDI PUBBLIĊI INVESTITI**

**4044. L-ONOR. NIGEL VELLA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew investiti fondi pubbliċi fuq is-settur tad-diżabilità mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

21/10/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-investiment tal-Gvern fis-settur tad-diżabilità jkopri firxa wiesgħa ta' servizzi, programmi u inizjattivi, li għandhom l-għan li jsaħħu l-awtonomija, l-inklużjoni u l-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità u tal-familji tagħhom.
Fost l-oħrajn l-investiment jinkludi it-twassil ta' servizzi residenzjali u fil-komunità, l-assistenza personali, is-servizzi ta' respite u l-appoġġ għall-għajxien indipendenti. Il-Ministeru jaħdem f'kollaborazzjoni ma' ministeri, entitajiet u partijiet terzi fis-settur tad-diżabilità, kif ukoll jidħol fi ftehimiet ma' għaqdiet mhux governattivi biex jitwettqu proġetti li jippromwovu l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà, skont il-ħtieġa.
L-allokazzjonijiet baġitarji għall-Ministeru, inklużi dawk relatati mal-qasam tad-diżabilità, huma elenkati fl-Estimi Finanzjarji ppreżentati kull sena. Għaldaqstant, nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Estimi Finanzjarji tas-snin rispettivi mill-2022 'l hawn, li jindikaw l-allokazzjonijiet għal dan il-qasam.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ U L-FAMILJI TAGĦHOM - SERVIZZI OFFRUTI**

**4045. L-ONOR. NIGEL VELLA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' servizzi qed joffri l-Gvern lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, kemm servizzi li huma offruti b'mod dirett u anke servizzi oħra li qed jingħataw bi sħab ma' fondazzjonijiet u għaqdiet fis-settur?

21/10/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** B'żieda mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4044, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat jappoġġja lill-persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom permezz ta' servizzi maħsuba biex joffru għajnuna fil-ħajja ta' kuljum, jiżviluppaw il-ħiliet tal-persuna u jiffaċilitaw l-għajxien fil-komunità. Dawn is-servizzi jingħataw permezz ta' Aġenzija Sapport kif ukoll permezz ta' sħubijiet u kollaborazzjoni tal-Ministeru ma' fondazzjonijiet u għaqdiet fis-settur.
Is-servizzi mogħtija bi sħab ma' fondazzjonijiet u għaqdiet jikkumplimentaw dan l-appoġġ u jinkludu, fost oħrajn, servizzi residenzjali, servizzi ta' matul il-jum u servizzi ta' respite. Dawn tal-aħħar joffru appoġġ lill-persuni b'diżabilità, filwaqt li jagħtu lill-familjari u lil dawk li jassistuhom ħin għall-mistrieħ u għall-bżonnijiet personali tagħhom.
Il-Ministeru għandu 18-il ftehim ta' sħubija soċjali fis-seħħ, magħrufa bħala Public Social Partnerships (PSPs), minbarra ftehimiet oħra li jinsabu fil-proċess ta' tħejjija. Dawn il-ftehimiet jappoġġjaw direttament servizzi u proġetti fis-settur tad-diżabilità. Hemm ukoll ministeri oħra li għandhom ftehimiet simili fis-seħħ. Il-Ministeru jikkollabora wkoll ma' entitajiet oħra sabiex jissaħħu l-opportunitajiet ta' tagħlim, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità f'diversi aspetti tal-ħajja.
Minbarra l-appoġġ mogħti lill-organizzazzjonijiet volontarji, il-Ministeru jfittex li permezz tal-iskemi tiegħu jsaħħaħ ukoll l-appoġġ lill-persuni b'diżabilità. F'dan ir-rigward, l-Action 4 tal-Voluntary Organisations Projects Scheme (VOPS) hija ddedikata għall-oqsma tas-saħħa u d-diżabilità, u tħeġġeġ lill-għaqdiet iwettqu proġetti li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u jippromwovu l-inklużjoni tagħhom fil-komunità.
Wara l-verifika tal-eliġibbiltà, kull proġett jiġi evalwat minn żewġ evalwaturi indipendenti. Il-medja tal-marki tagħhom tikkostitwixxi sa massimu ta' 80 marka. Il-proġett imbagħad jiġi rivedut minn kumitat ta' evalwazzjoni, li jista' jagħti sa 20 marka oħra. Il-proġetti kollha jitqiegħdu f'lista ta' klassifikazzjoni skont il-marka finali miksuba.
Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista tas-servizzi offruti minn Aġenzija Sapport, kif ukoll lista tal-ftehimiet ta' sħubija soċjali (PSPs) li dan il-Ministeru għandu ma' fondazzjonijiet u għaqdiet fis-settur.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**JOBSPLUS – YOUTH GUARANTEE U TRAINING FOR EMPLOYMENT**

**4046. L-ONOR. ANNABELLE CILIA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għall-istqarrija tas-7 ta' Ottubru 2026 dwar il-programmi Youth Guarantee u Training for Employment ta' Jobsplus, jista' l-Ministru jipprovdi, separatament għal kull programm u għal kull sena mill-bidu tiegħu sat-30 ta' Settembru 2026, in-numru ta' persuni li bdew jipparteċipaw f'kull programm, in-numru ta' persuni li temmewh u n-numru ta' persuni li waqfu jipparteċipaw qabel it-tlestija tiegħu?

21/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**RAPPORTI TA' VJOLENZA DOMESTIKA – MANDATI TA' ARREST MHUX EŻEGWITI**

**4047. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il mandat ta' arrest relatat ma' vjolenza domestika baqa' mhux esegwit, għal kemm żmien, u x'miżuri ttieħdu biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għal tali nuqqasijiet?

21/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Rispo**s**ta tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 27
26/10/2026

**RAPPORTI TA' VJOLENZA DOMESTIKA – VITTMI**

**4048. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba, fl-aħħar ħames snin, persuni li rrapportaw vjolenza domestika sfaw vittmi ta' aggressjoni serja jew saħansitra omiċidju wara li kienu diġà talbu l-protezzjoni tal-Pulizija?

21/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Risposta tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 27
26/10/2026

**TRASPORT PUBBLIKU - KAROZZI TAL-LINJA**

**4049. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2759 u jgħid kemm-il karozza tal-linja marbuta mas-servizz antik tat-trasport pubbliku ġiet akkwistata, riċevuta, ikkontrollata, mibjugħa jew trasferita minn Transport Malta jew minn entità pubblika oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' dawn il-vetturi u għal kull vettura jipprovdi:
i. in-numru tar-reġistrazzjoni u n-numru preċedenti tal-flotta;
ii. il-marka, il-mudell, ix-chassis u s-sena tal-manifattura;
iii. l-entità li rċeviet il-vettura;
iv. jekk il-vettura nżammitx, inbiegħetx, ingħatatx bħala donazzjoni, ġietx skrappjata jew esportata;
v. id-data u l-metodu tad-disponiment;
vi. il-prezz tal-bejgħ jew korrispettiv ieħor; u
vii. kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-bejgħ jew mat-trasferiment?

21/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KAROZZI TAL-LINJA ANTIKI**

**4050. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2760 u jgħid, kemm mill-karozzi tal-linja antiki marbuta mas-servizz antik tat-trasport pubbliku li ġew akkwistati, riċevuti, ikkontrollati, mibjugħin jew trasferiti minn Transport Malta jew minn entità pubblika oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, bħalissa huma:
i. irreġistrati f'Malta jew Għawdex;
ii. liċenzjati biex jintużaw fit-toroq pubbliċi;
iii. koperti b'liċenzja għat-trasport tal-passiġġieri jew b'Malta Heritage Bus Licence;
iv. irreġistrati bħala li ntużaw fit-toroq pubbliċi matul l-aħħar 12-il xahar;
v. użati għal sightseeing tours, eskursjonijiet, tiġijiet jew attivitajiet oħra marbuta mat-turiżmu;
vi. ippreservati biss għall-wiri;
vii. qegħdin jiġu restawrati;
viii. maħżuna iżda mhux restawrati;
ix. esportati; jew
x. skrappjati?
Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru tar-reġistrazzjoni u l-klassifikazzjoni attwali ta' kull vettura?

21/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KAROZZI TAL-LINJA MIBJUGĦA JEW TRASFERITI**

**4051. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2761 u jgħid kemm-il karozza tal-linja li kienet tifforma parti mis-servizz antik tat-trasport pubbliku u li nbiegħet jew ġiet trasferita minn Transport Malta jew minn entità governattiva oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:
i. inbiegħet bil-kundizzjoni li tiġi restawrata;
ii. inbiegħet wara dikjarazzjoni mix-xerrej li kellha tiġi restawrata;
iii. kienet intiża biex tintuża bħala attrazzjoni turistika jew ta' wirt nazzjonali; jew
iv. kienet intiża biex tintuża għal sightseeing jew għal servizzi oħra tal-passiġġieri?
Jista' wkoll jipprovdi n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-flotta għal kull waħda minn dawn il-karozzi tal-linja, id-data tal-bejgħ, il-prezz tal-bejgħ, l-użu ddikjarat, l-istat tar-restawr u jekk bħalissa hijiex effettivament tintuża għall-iskop indikat meta nbiegħet?

21/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**KAROZZI TAL-LINJA TRADIZZJONALI MALTIN - REĠISTRU**

**4052. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2762 u jgħid jekk Transport Malta żżommx, jew jekk għandhiex il-ħsieb li flimkien ma' Heritage Malta, tistabbilixxi reġistru komplut tal-karozzi tal-linja tradizzjonali Maltin li għadhom jeżistu? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern għandux il-ħsieb li jgħin fir-restawr u fl-użu sigur ta' dawn il-vetturi permezz ta' skema ta' liċenzjar għall-vetturi storiċi, għotjiet finanzjarji, rotot turistiċi apposta jew mużew nazzjonali tat-trasport?

21/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2762.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PJANI LOKALI – REVIŻJONI**

**4073. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux il-ħsieb li jirrevedi l-Pjani Lokali, u jekk iva, meta se tibda r-reviżjoni, x'se jkunu l-prinċipji li se jiggwidawha, u kif se jiġu involuti l-pubbliku u l-kunsilli lokali f'dan il-proċess?

22/10/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PUBBLIKAZZJONI 'IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2026' – RATA TA' ĦIDMA MWETTQA**

**4074. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kif ġiet ikkalkulata r-"rata ta' ħidma mwettqa" ta' 86% għall-implimentazzjoni tal-Baġit 2026, imsemmija fil-pubblikazzjoni 'It-Twettiq tal-Baġit 2026' u l-PR relatata? Jista' jgħid ukoll jekk il-miżuri mniżżla bħala "Fil-proċess ta' implimentazzjoni" jingħatawx piż parzjali f'din ir-rata, u jekk iva, kif jiġi stabbilit dan il-piż?

22/10/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi fuq l-Mejda tal-Kamra l-pubblikazzjoni dwar it-twettiq tal-Baġit 2026.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**PUBBLIKAZZJONI 'IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2026' – MIŻURI MNIŻŻLIN BĦALA "FIL-PROĊESS TA' IMPLIMENTAZZJONI"**

**4075. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid, għal kull miżura tal-Baġit 2026 li fil-pubblikazzjoni 'It-Twettiq tal-Baġit 2026' hija mniżżla bħala "Fil-proċess ta' implimentazzjoni", x'inhu l-livell ta' progress (f'persentaġġ) u meta hija mistennija titlesta?

22/10/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4074.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**BAĠIT 2026 – MIŻURA 135 – IKKUMMISSJONAR TAL-ISTUDJU**

**4076. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex ikkummissjonat l-istudju msemmi fil-Miżura 135 tal-Baġit 2026 dwar l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini li jinbena mis-sena 2030? Jekk iva, jista' jqiegħed dan l-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra jew, jekk għadu ma tlestiex, jgħid meta huwa mistenni jitlesta? Jekk le, jista' jgħid meta huwa mistenni li jiġi kkummissjonat?

22/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAL FAR – FAĊILITÀ TAL-KWART TA' MIL – DEFLECTION FIL-WIĊĊ TAL-KONKOS**

**4077. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jara li jittieħdu passi biex titneħħa d-deflection li hemm fil-wiċċ tal-konkos tal-faċilità tal-kwart ta' mil f'Ħal Far, fejn reċentement saru xogħlijiet ta' rikostruzzjoni, partikolarment qrib il-parti minn fejn jitilqu jiġru l-karozzi, u li tvarja minn nofs pulzier għal pulzier?

22/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li x-xogħol fuq il-kwart ta' mil riesaq lejn l-aħħar fażijiet tiegħu u infurmat ukoll li t-tekniċi qed iżommu komunikazzjoni kontinwa mal-federazzjoni li tirrappreżenta lil dawk kollha involuti fil-motorsport. Dan sabiex ukoll ikun żgurat li t-trakka tikseb l-approvazzjoni meħtieġa skont l-istandards tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Karozzi (FIA).
Infurmat ukoll li mix-xogħol li sar fl-aħħar xhur u snin, issa fadal l-aħħar fażi li tinvolvi xogħol fuq il-wiċċ tal-korsa bi proċess ta' grinding tal-konkos. Infurmat li dan ix-xogħol huwa parti integrali mill-proċess tal-bini tal-wiċċ tal-korsa skont ir-rekwiżiti tal-FIA.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ĦAL FAR – FAĊILITÀ TAL-KWART TA' MIL – WIĊĊ TAL-KONKOS – PARIR MINGĦAND ESPERTI**

**4078. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jikkonferma li nkiseb parir, permezz tal-Malta Motorsport Federation, mingħand esperti mir-Renju Unit, partikolarment mingħand il-kumpaniji Britanniċi li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, dwar il-wiċċ tal-konkos tal-faċilità tal-kwart ta' mil f'Ħal Far? Jekk fl-affermattiv, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-korrispondenza kollha skambjata bejn il-Malta Motorsport Federation, il-kumpaniji msemmija, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, SportMalta u Infrastructure Malta dwar din il-materja?

22/10/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4077.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IN-NAXXAR – TELGĦA TAL-GĦAQBA – XOGĦLIJIET**

**4085. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li titwitta mill-ġdid it-Telgħa tal-Għaqba fin-Naxxar, u jekk iva, jagħti timeframe ta' meta se jibda x-xogħol? Jista' jgħid ukoll x'miżuri qed/ser jittieħdu biex l-istudenti tal-Giovanni Curmi Higher Secondary (GCHSS) ikunu siguri mill-periklu tal-vetturi meta jagħmlu użu minn din it-telgħa biex jaċċessaw l-iskola?

22/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mistoqsija parlamentari għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ERA – MEMBRI TAL-BORD**

**4086. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra informazzjoni li tagħti dettalji, għal kull wieħed mill-membri attwali tal-Bord tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), dwar il-kwalifiki akkademiċi, l-esperjenza professjonali u l-kompetenza rilevanti tagħhom, kif ukoll tindika l-kriterji li abbażi tagħhom inħatru bħala membri tal-Bord? Tista' tgħid ukoll jekk, qabel il-ħatra ta' kull membru, saritx verifika dwar il-konformità mal-kriterji u mar-rekwiżiti legali applikabbli għall-kompożizzjoni tal-Bord u, jekk iva, tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni rilevanti?

22/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2470.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ERA – SPEZZJONIJIET**

**4087. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tispeċifika kemm mill-294 spezzjoni mwettqa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fil-lokalità tas-Swieqi bejn Jannar 2025 u Awwissu 2026 saru matul l-2025 u kemm matul l-2026? Tista' tgħid ukoll jekk, minn Settembru 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, sarux aktar spezzjonijiet u nħarġux aktar multi relatati ma' rimi illegali tal-iskart fl-istess lokalità u, jekk iva, kemm?

22/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, b'żieda mat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 1948, fir-rigward ta' skart maħruġ ħażin fis-Swieqi, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għamlet 120 spezzjoni ta' bejn erba' u ħames sigħat kull waħda matul is-sena 2025. Bejn Jannar 2026 sal-aħħar ta' Settembru 2026, saru 245 spezzjoni oħra.
Nikkonferma li tali spezzjonijiet komplew isiru mid-data tar-risposta u għandhom jibqgħu għaddejjin fil-hotspots l-iktar kritiċi provduti mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi stess. Matul ix-xahar ta' Settembru 2026 biss, l-ERA wettqet 62 spezzjoni oħra fis-Swieqi li wasslu biex inħarġu 6 multi oħra kif ukoll 16 -il twissija formali fuq skart maħruġ ħażin u mhux isseparat sew.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ERA – PJATTAFORMA ERIS**

**4088. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tispeċifika kemm mill-41 rapport li rċeviet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) permezz tal-pjattaforma ERIS kienu jirrigwardaw skart mormi illegalment u kemm kienu jirrigwardaw nuqqas ta' ġbir tal-iskart fil-lokalità tas-Swieqi? Tista' tgħid ukoll kemm-il ilment dwar dawn il-problemi wasal għand l-Awtorità permezz ta' emails mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi u x'azzjoni ttieħdet f'kull kategorija ta' każ, inkluż jekk l-ilmenti wasslux għal interventi korrettivi jew għal azzjoni ta' infurzar?

22/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-41 rapport li rċeviet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) permezz tal-pjattaforma ERIS kienu relatati ma' skart mormi illegalment fil-lokalità tas-Swieqi. Ir-ronda tal-ġbir tal-iskart, inkluż kwalunkwe nuqqas ta' ġbir applikabbli, ma jaqax taħt il-mansjoni regolatorja tal-ERA, iżda huwa suġġett għal arranġamenti bejn il-Kunsill Reġjonali rispettiv u l-kuntrattur responsabbli.
Fir-rigward ta' rapporti li jaslu permezz ta' emails, l-ERA tieħu nota ta' dawk relatati ma' rimi illegali ta' skart u, fejn meħtieġ, tinkludi l-postijiet indikati fil-lista tagħha ta' żoni li jeħtieġu monitoraġġ. L-ERA ripetutament tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali u dawk Reġjonali sabiex ir-rapporti jiġu sottomessi permezz tal-pjattaforma uffiċjali tagħha, fejn ikunu jistgħu jiġu reġistrati, segwiti b'mod strutturat u tinżamm statistika.
Fejn rapport dwar rimi illegali ta' skart ikun jeħtieġ segwitu mill-ERA, il-post jista' jiġi inkluż fil-lista ta' hotspots u jkun suġġett għal monitoraġġ mill-uffiċjali tal-infurzar. Fejn jiġu identifikati irregolaritajiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-ERA, tittieħed l-azzjoni meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u skont dak stipulat fil-liġi applikabbli. Dawn jinkludu multa għal min jinqabad joħroġ l-iskart mhux skont l-iskart li jkun se jinġabar f'dik il-ġurnata partikolari, kif ukoll twissija uffiċjali lil min jinqabad għall-ewwel darba ma jsegwix l-obbligu tas-separazzjoni mandatorju tal-iskart.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IS-SWIEQI – UFFIĊJALI TAL-PULIZIJA ASSENJATI**

**4089. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1950 dwar in-numru ta' uffiċjali tal-Pulizija assenjati sabiex iservu l-lokalità tas-Swieqi u dwar jekk hemmx il-ħsieb li jiżdiedu r-riżorsi fid-dawl tal-ilmenti relatati mal-infurzar, jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni għall-perjodu attwali, jiġifieri mill-bidu tat-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/10/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 3244

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IS-SWIEQI – SHORT-LETS**

**4090. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jispeċifika x'tip ta' nuqqasijiet ta' konformità nstabu fil-112-il każ identifikat waqt l-ispezzjonijiet fuq proprjetajiet liċenzjati bħala short-lets fis-Swieqi matul l-aħħar sentejn, x'azzjoni ta' infurzar ittieħdet f'kull kategorija ta' każ u kemm minn dawn il-każijiet ġew riżolti? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-każijiet wasslu għall-impożizzjoni ta' multi, sospensjoni jew revoka ta' liċenzji, fejn applikabbli?

22/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**ŻONI RESIDENZJALI – SHORT-LETS – IMPATT FUQ IR-RESIDENTI**

**4091. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jispeċifika liema dispożizzjonijiet jew miżuri konkreti ġew introdotti fir-regolamenti l-ġodda li daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2026 sabiex jitnaqqas l-impatt tal-akkomodazzjoni short-let fuq ir-residenti f'żoni residenzjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-istorbju u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tal-liċenzji? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern għandux il-ħsieb li jimmonitorja l-effettività ta' dawn il-miżuri u, jekk iva, kif u meta din se ssir?

22/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġew fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2026 dwar l-Akkomodazzjoni Turistika (Avviż Legali 92 tal-2026), liema Regolamenti daħlu b'seħħ mill-15 ta' Ġunju 2026.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**L-ISPTAR MOUNT CARMEL – DUAL DIAGNOSIS – PAZJENTI**

**4094. L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' pazjenti fl-Isptar Mount Carmel li qed jirċievu kura għas-saħħa mentali b'konsegwenza ta' abbuż ta' droga, jiġifieri dawk il-pazjenti li jaqgħu taħt il-kategorija magħrufa bħala dual diagnosis?

22/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' pazjenti rikoverati fl-Isptar Mount Carmel li jaqgħu taħt il-kategorija ta' dual diagnosis huwa ta' 39 pazjent.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**L-ISPTAR MOUNT CARMEL – YPU – PAZJENTI**

**4095. L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' pazjenti rikoverati preżentement fl-Isptar Mount Carmel fis-sezzjoni tal-Young People's Unit (YPU) li toffri kura speċjalizzata għat-tfal u għall-adolexxenti?

22/10/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li attwalment hemm 3 pazjenti rikoverati fil-Young People's Unit (YPU) tal-Isptar Mount Carmel, li tipprovdi kura speċjalizzata għat-tfal u l-adoloxxenti.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**IN-NAĦA T'ISFEL TA' MALTA – NEW WATER – XOGĦLIJIET**

**4107. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta se jitlesta x-xogħol fuq is-sistema tad-distribuzzjoni tal-ilma tat-tisqija tal-għelieqi (new water) fin-naħa t'isfel ta' Malta, b'mod partikolari f'Marsaxlokk, Xrobb l-Għaġin, Delimara, Wied il-Għajn, l-inħawi tal-Bidni, l-inħawi ta' San Anard u l-inħawi ta' San Tumas, fid-dawl li ħafna mill-bdiewa ilhom mingħajr dan is-servizz għal aktar minn seba' snin? Tista' tgħid ukoll jekk parti minn dan ix-xogħol huwiex se jerġa' jinqala' u jsir mill-ġdid, peress li fih ħafna nuqqasijiet u difetti?

22/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet relatati mal-mejnijiet tas-servizz tan-New Water fiż-żona indikata tlestew. Bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet biex tiġi installata u kummissjonata l-infrastruttura tal-fibre optic, li eventwalment se twassal għall-kummissjonar tad-dispensers. Fil-frattemp, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz matul il-perjodu ta' implimentazzjoni u l-bdiewa jkollhom aċċess għall-ilma ġew installati card-operated dispensers temporanji, li eventwalment se jinbidlu għal fibre-optic dispensers ġodda li jaħdmu b'sistema intelliġenti. Ninsab infurmata li x-xogħol li sar ma fih l-ebda difetti, kif qed jipprova jinsinwa l-Onor. Interpellant.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**L-INĦAWI TA' SAN ANARD – XOGĦLIJIET – UŻU TA' GĦALQA PRIVATA**

**4108. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li biex isir ix-xogħol relatat man-new water u biex isir ukoll pavimentar ġdid fl-inħawi ta' San Anard (eżatt biswit il-Kappella ta' San Nikola), għal dawn l-aħħar tliet snin il-kuntrattur għamel użu minn għalqa privata sabiex tqiegħed materjal ta' kostruzzjoni, tista' l-Ministru tgħid meta se jitlestew dawn ix-xogħlijiet? Tista' tgħid ukoll meta din l-għalqa se terġa' tingħata lura lis-sidien tagħha? Tista' wkoll taċċerta li din l-għalqa tingħata lura fl-istess stat li kienet qabel bdew dawn ix-xogħlijiet? Tista' tgħid ukoll jekk hux se jkun qed jingħata kumpens lis-sidien ta' din l-għalqa talli ntużat?

22/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett li qed issir referenza għalih huwa kkordinat minn Infrastructure Malta.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MARSASKALA – TRIQ IS-SALINI – XOGĦLIJIET RELATATI MAL-FAST FERRY**

**4109. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid taħt liema permessi qed isiru x-xogħlijiet relatati mal-post fejn hu maħsub li jitrakka l-Fast Ferry fi Triq is-Salini, Marsaskala, fid-dawl li l-applikazzjoni PA/06645/25 għadha pendenti?

22/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kif diġà ġie mwieġeb diversi drabi, iż-żona tan-naħa tas-Siberja tal-promenade kienet ikkundannata b'riskju ta' kollass u periklu għall-pubbliku li jiffrekwenta ż-żona. Għaldaqstant, ix-xogħol qed isir b'notifika ta' emerġenza skont kif tippermetti l-liġi f'sitwazzjonijiet simili.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MARSASKALA – TRIQ IS-SALINI – ARKATI**

**4110. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-arkati li kien hemm fi Triq is-Salini, Marsaskala tneħħew u minflok saru fetħiet bi travi tal-konkos, meta dawn kellhom isiru arkati tal-ġebla Maltija kif kienu oriġinarjament?

22/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MARSASKALA – TRIQ IX-XATT, PJAZZA DUN TARCIS AGIUS U TRIQ IS-SALINI – BUS SHELTERS/BUS STOPS**

**4111. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta se jerġgħu jitpoġġew il-bus shelters u l-bankijiet fuq il-bus stops li nqalgħu madwar erba' xhur ilu minħabba x-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni, fi Triq ix-Xatt, Pjazza Dun Tarcis Agius u Triq is-Salini, f'Marsaskala?

22/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MARSASKALA – TRIQ IX-XATT/ĠNIEN TAL-FAJTATA – NEFQA**

**4112. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid:
i. kemm kienet in-nefqa tal-festin li sar f'Mejju tal-2026 għall-inawgurazzjoni ta' parti mill-proġett ta' tisbiħ fi Triq ix-Xatt f'Marsaskala, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont bid-dettalji ta' kull spiża separatament;
ii. kemm kienet in-nefqa tal-inawgurazzjoni tal-proġett ta' tisbiħ li sar fil-Ġnien tal-Fajtata f'Marsaskala fid-9 ta' Mejju 2026 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont bid-dettalji ta' kull spiża separatament; u
iii. kemm kienet in-nefqa tax-xogħol kollu li sar matul dawn l-aħħar xhur għat-tisbiħ tal-Ġnien tal-Fajtata f'Marsaskala u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont bid-dettalji ta' kull spiża separatament?

22/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – KONFORMITÀ MAL-L.S. 646.11**

**4115. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti, separatament għall-Ministeru u għal kull dipartiment, awtorità, aġenzija, korporazzjoni, kumpanija u entità oħra li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-informazzjoni li ġejja dwar il-konformità mal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 646.11, ir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:
(a) skont ir-regolament 9(1): min huma l-persuni nominati biex jassistu fit-tħaris tas-saħħa u s-sigurtà u fil-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, x'kariga għandhom, x'inhuma l-kwalifiki u t-taħriġ rilevanti tagħhom, u liema postijiet tax-xogħol ikopru;
(b) skont ir-regolament 9(3): fejn ma hemmx persunal kompetenti intern biex jiġu organizzati l-miżuri meħtieġa, liema persuni jew servizzi esterni kompetenti ġew ingaġġati, u x'inhu l-ambitu tas-servizz tagħhom;
(ċ) skont ir-regolament 9(6): kif ġie ddeterminat li n-numru u l-kompetenza tal-persuni nominati jew tas-servizzi esterni huma adegwati għad-daqs tal-entità, għan-numru ta' persuni preżenti u għall-perikli eżistenti, u x'ħin u riżorsi huma allokati lill-persuni nominati internament;
(d) skont ir-regolament 10: meta saret l-aħħar evalwazzjoni tar-riskji għal kull post tax-xogħol u meta ġiet riveduta l-aħħar; min wettaqha; liema miżuri korrettivi għadhom pendenti u x'inhuma l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tagħhom; u
(e) skont ir-regolament 11: liema proċeduri huma fis-seħħ f'każ ta' periklu serju u imminenti, inkluża l-evakwazzjoni, u kemm hemm persuni kompetenti nominati biex jimplimentawhom f'kull post tax-xogħol?
Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'din l-informazzjoni u, fejn xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti għadu mhux issodisfat, jindika r-raġuni u d-data sa meta ser tiġi żgurata l-konformità?

22/10/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi jien infurmat li Health & Safety Officer impjegat full time mhuwiex rikjest mil-liġi. Madankollu għarfien rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huwa kontinwu.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – KONFORMITÀ MAL-L.S. 646.11**

**4116. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jagħti, separatament għall-Ministeru u għal kull dipartiment, awtorità, aġenzija, korporazzjoni, kumpanija u entità oħra li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-informazzjoni li ġejja dwar il-konformità mal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 646.11, ir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:
(a) skont ir-regolament 9(1): min huma l-persuni nominati biex jassistu fit-tħaris tas-saħħa u s-sigurtà u fil-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, x'kariga għandhom, x'inhuma l-kwalifiki u t-taħriġ rilevanti tagħhom, u liema postijiet tax-xogħol ikopru;
(b) skont ir-regolament 9(3): fejn ma hemmx persunal kompetenti intern biex jiġu organizzati l-miżuri meħtieġa, liema persuni jew servizzi esterni kompetenti ġew ingaġġati, u x'inhu l-ambitu tas-servizz tagħhom;
(ċ) skont ir-regolament 9(6): kif ġie ddeterminat li n-numru u l-kompetenza tal-persuni nominati jew tas-servizzi esterni huma adegwati għad-daqs tal-entità, għan-numru ta' persuni preżenti u għall-perikli eżistenti, u x'ħin u riżorsi huma allokati lill-persuni nominati internament;
(d) skont ir-regolament 10: meta saret l-aħħar evalwazzjoni tar-riskji għal kull post tax-xogħol u meta ġiet riveduta l-aħħar; min wettaqha; liema miżuri korrettivi għadhom pendenti u x'inhuma l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tagħhom; u
(e) skont ir-regolament 11: liema proċeduri huma fis-seħħ f'każ ta' periklu serju u imminenti, inkluża l-evakwazzjoni, u kemm hemm persuni kompetenti nominati biex jimplimentawhom f'kull post tax-xogħol? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'din l-informazzjoni u, fejn xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti għadu mhux issodisfat, jindika r-raġuni u d-data sa meta ser tiġi żgurata l-konformità?

22/10/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W212.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – KONFORMITÀ MAL-L.S. 646.11**

**4117. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti, separatament għall-Ministeru u għal kull dipartiment, awtorità, aġenzija, korporazzjoni, kumpanija u entità oħra li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-informazzjoni li ġejja dwar il-konformità mal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 646.11, ir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:
(a) skont ir-regolament 9(1): min huma l-persuni nominati biex jassistu fit-tħaris tas-saħħa u s-sigurtà u fil-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, x'kariga għandhom, x'inhuma l-kwalifiki u t-taħriġ rilevanti tagħhom, u liema postijiet tax-xogħol ikopru;
(b) skont ir-regolament 9(3): fejn ma hemmx persunal kompetenti intern biex jiġu organizzati l-miżuri meħtieġa, liema persuni jew servizzi esterni kompetenti ġew ingaġġati, u x'inhu l-ambitu tas-servizz tagħhom;
(ċ) skont ir-regolament 9(6): kif ġie ddeterminat li n-numru u l-kompetenza tal-persuni nominati jew tas-servizzi esterni huma adegwati għad-daqs tal-entità, għan-numru ta' persuni preżenti u għall-perikli eżistenti, u x'ħin u riżorsi huma allokati lill-persuni nominati internament;
(d) skont ir-regolament 10: meta saret l-aħħar evalwazzjoni tar-riskji għal kull post tax-xogħol u meta ġiet riveduta l-aħħar; min wettaqha; liema miżuri korrettivi għadhom pendenti u x'inhuma l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tagħhom; u
(e) skont ir-regolament 11: liema proċeduri huma fis-seħħ f'każ ta' periklu serju u imminenti, inkluża l-evakwazzjoni, u kemm hemm persuni kompetenti nominati biex jimplimentawhom f'kull post tax-xogħol? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'din l-informazzjoni u, fejn xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti għadu mhux issodisfat, jindika r-raġuni u d-data sa meta ser tiġi żgurata l-konformità?

22/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W167.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-FINANZI – KONFORMITÀ MAL-L.S. 646.11**

**4118. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti, separatament għall-Ministeru u għal kull dipartiment, awtorità, aġenzija, korporazzjoni, kumpanija u entità oħra li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-informazzjoni li ġejja dwar il-konformità mal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 646.11, ir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:
(a) skont ir-regolament 9(1): min huma l-persuni nominati biex jassistu fit-tħaris tas-saħħa u s-sigurtà u fil-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, x'kariga għandhom, x'inhuma l-kwalifiki u t-taħriġ rilevanti tagħhom, u liema postijiet tax-xogħol ikopru;
(b) skont ir-regolament 9(3): fejn ma hemmx persunal kompetenti intern biex jiġu organizzati l-miżuri meħtieġa, liema persuni jew servizzi esterni kompetenti ġew ingaġġati, u x'inhu l-ambitu tas-servizz tagħhom;
(ċ) skont ir-regolament 9(6): kif ġie ddeterminat li n-numru u l-kompetenza tal-persuni nominati jew tas-servizzi esterni huma adegwati għad-daqs tal-entità, għan-numru ta' persuni preżenti u għall-perikli eżistenti, u x'ħin u riżorsi huma allokati lill-persuni nominati internament;
(d) skont ir-regolament 10: meta saret l-aħħar evalwazzjoni tar-riskji għal kull post tax-xogħol u meta ġiet riveduta l-aħħar; min wettaqha; liema miżuri korrettivi għadhom pendenti u x'inhuma l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tagħhom; u
(e) skont ir-regolament 11: liema proċeduri huma fis-seħħ f'każ ta' periklu serju u imminenti, inkluża l-evakwazzjoni, u kemm hemm persuni kompetenti nominati biex jimplimentawhom f'kull post tax-xogħol?
Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'din l-informazzjoni u, fejn xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti għadu mhux issodisfat, jindika r-raġuni u d-data sa meta ser tiġi żgurata l-konformità?

22/10/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari W137.

Seduta Numru 27
26/10/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – KONFORMITÀ MAL-L.S. 646.11**

**4119. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jagħti, separatament għall-Ministeru u għal kull dipartiment, awtorità, aġenzija, korporazzjoni, kumpanija u entità oħra li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-informazzjoni li ġejja dwar il-konformità mal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 646.11, ir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:
(a) skont ir-regolament 9(1): min huma l-persuni nominati biex jassistu fit-tħaris tas-saħħa u s-sigurtà u fil-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, x'kariga għandhom, x'inhuma l-kwalifiki u t-taħriġ rilevanti tagħhom, u liema postijiet tax-xogħol ikopru;
(b) skont ir-regolament 9(3): fejn ma hemmx persunal kompetenti intern biex jiġu organizzati l-miżuri meħtieġa, liema persuni jew servizzi esterni kompetenti ġew ingaġġati, u x'inhu l-ambitu tas-servizz tagħhom;
(ċ) skont ir-regolament 9(6): kif ġie ddeterminat li n-numru u l-kompetenza tal-persuni nominati jew tas-servizzi esterni huma adegwati għad-daqs tal-entità, għan-numru ta' persuni preżenti u għall-perikli eżistenti, u x'ħin u riżorsi huma allokati lill-persuni nominati internament;
(d) skont ir-regolament 10: meta saret l-aħħar evalwazzjoni tar-riskji għal kull post tax-xogħol u meta ġiet riveduta l-aħħar; min wettaqha; liema miżuri korrettivi għadhom pendenti u x'inhuma l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tagħhom; u
(e) skont ir-regolament 11: liema proċeduri huma fis-seħħ f'każ ta' periklu serju u imminenti, inkluża l-evakwazzjoni, u kemm hemm persuni kompetenti nominati biex jimplimentawhom f'kull post tax-xogħol?
Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'din l-informazzjoni u, fejn xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti għadu mhux issodisfat, jindika r-raġuni u d-data sa meta ser tiġi żgurata l-konformità?

22/10/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari W62

Seduta Numru 27
26/10/2026

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – XOGĦLIJIET – ĊERTIFIKATI**

**4120. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3619 u ċjoè: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra ċ-ċertifikati ta' kwalità u/jew konformità għax-xogħlijiet li diġà saru?

22/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, f'Birżebbuġa, qed jitwettqu minn Infrastructure Malta skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-rekwiżiti ta' kwalità applikabbli għall-proġett. Infrastructure Malta hija responsabbli mill-monitoraġġ u s-superviżjoni tax-xogħlijiet sabiex tiżgura li dawn jitwettqu skont l-istandards u r-rekwiżiti kuntrattwali stabbiliti.

Seduta Numru 27
26/10/2026